

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

SETTEMBRU – DIĊEMBRU 2012

Nru 185

## F'din il-ħarġa



PAĠNA 5

Monsinjur ġdid tal-Katidral



PAĠNA 9

Abbati tagħna fil-Vatikan

# Mons. George Bezzina (1953-2012)

## *Ħalliena predikatur għaref u qaddis*



*Nhar il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012, il-Missier tas-Sema għoġbu jsejjaħ għal għandu membru ieħor tal-kleru Ġorġjan tagħna. Dak in-nhar ħalliena Mons. George Bezzina, membru tal-Kapitlu Ġorġjan u eks-Kappillan tal-Fontana, fl-età ta' 58 sena. Hu miet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fl-3.52am, wara marda tal-kanċer. Kien nhar il-festa ta' San Ġwann Griżostmu, wieħed mill-Missirijiet tal-Knisja li ismu jfisser "ilsienu tad-deheb", appellattiv li nistgħu napplikaw ukoll għal Dun Ġorġ.*

George Bezzina, bin Ġużeppi u Salvina mwieleda Buttigieg, twieled il-Belt Victoria, Għawdex, nhar it-8 ta' Diċembru 1953, solennità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Ta' età żgħira hu kien iservi bħala abbati fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja tar-Rabat, imbagħad fis-Seminarju Minuri ta'

» aqra l-artiklu kollu f'paġni 3-4

## IS-SENA TAL-FIDI | Ottubru 2012 – Novembru 2013

SENA TAL-FIDI 2012 2013

F'Ittra Appostolika *motu proprio data* tal-11 ta' Ottubru 2011, li ġġib l-isem *Porta Fidei* [Il-Bieb tal-Fidi], il-Papa Benedittu XVI ħabbar Sena tal-Fidi għall-Knisja universali: "Din tibda fil-11 ta' Ottubru 2012, fil-ħamsin anniversarju tal-bidu tal-Konċilju Vatikan II u tintemm fl-24 ta' Novembru 2013, fis-solennità ta' Ġesù Kristu Sidna, is-Sultan ta' l-Univers. Id-data tal-bidu – 11 ta' Ottubru 2012 – taħbat ukoll id-data ta' l-għoxrin anniversarju tal-pubblikazzjoni tal-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, imniedi mill-Predeċessur tiegħi, il-Beatu Ġwanni Pawlu II, li ried juri lill-fidili kollha l-qawwa u l-ġmiel tal-fidi..." (4).

Matul din is-Sena speċjali, il-Knisja qed tieħu bosta inizjattivi biex l-Insara jiskopru iżjed il-ġmiel tal-Fidi tagħna, li aħna nistqarru kull meta llissnu l-Kredu u li d-depożitu tagħha hu miġbur fi kliem hekk għani fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*.

***Fil-ħarġa li jmiss, nagħtukom iktar materjal fuq dan is-suġġett.***

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Is-Sena tal-Fidi... x'effett ħa tħalli fuqna?

F'Ottubru li għadda l-Papa Benedittu XVI ħabbar li s-sena mifruxa bejn Ottubru 2012 u Novembru 2013 ħa tkun waħda speċjali sena ta' evanġelizzazzjoni ġdida. Dan hu żmien speċjali għall-Knisja Kattolika fejn kull persuna mistiedna tagħmel eżami tal-kuxjenza u tistaqsi lilha nfisha fejn tinsab fil-fidi tagħha f'Ġesù Kristu, jekk hemmx bżonn li terġa' tiskopri l-ġmiel ta' din il-fidi biex tissokta ssaħħaħha. Dan jista' jsir bħala Knisja, u mhux fuq biss fuq bażi individwali. Għalhekk il-parroċċa tagħna, flimkien mad-Djoċesi Għawdxija u l-Knisja Universali, qed tieħu l-inizjattivi kollha possibbli, primarjament b'ċelebrazzjonijiet ħajja ta' fidi u b'okkażjonijiet ta' formazzjoni u katekeżi fuq kull livell, biex tgħin lill-Insara "jidħlu mill-bieb tal-fidi" (*Porta Fidei*, nru 1), kif stedinna l-Papa.

F'dan il-kuntest, il-parroċċa qed toffri għażla wiesgħa ta' laqgħat u ċelebrazzjonijiet indirizzati lejn id-diversi etajiet u kategoriji differenti, fosthom it-tfal, l-adolexxenti, iż-żgħażagħ, dawk li qed jitħejjew għas-Sagramenti tal-Bidu, il-Gruppi ta' l-Abbatini u l-Vokazzjonijiet, il-ġenituri, il-koppji għarajjes u dawk li żżewġu fl-aħħar snin, u anki laqgħat miftuħa għal kull età, bħalma huma l-*Lectio Divina* u l-Grupp tal-Bibbja. Imbagħad hemm ukoll il-movimenti u l-għaqdiet Insara, li minnhom fir-Rabat m'aħniex nieqsa!

Għalhekk, hu fl-interess tagħna bħala poplu ta' Alla li nfittxu dawk l-okkażjonijiet ta' formazzjoni li nħossu li, bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla u t-tifsir tagħha, jistgħu jgħinuna nissaħħu fil-fidi. Il-Quddiesa tal-Ħadd waħidha m'hix biżżejjed! L-appell tagħna jmur b'mod speċjali lejn il-ġenituri, biex tħeġġu lil uliedkom jattendu għall-attivitajiet imħejjija għalihom, u – għaliex le! – fejn tistgħu, tattendu intom ukoll magħhom.

Il-fidi nistgħu nikkultivawha wkoll permezz tal-qari tajjeb. Mill-edizzjoni li jmiss ta' din ir-rivista, il-Bord Editorjali ħaseb biex jippubblika xi artikli bħala għajnuna f'din il-mixja spiritwali tal-fidi.

Mela, ejjew flimkien, bħala komunità parrokkjali waħda, li temmen fi Kristu u għandha lil Ġorġi bħala mudell tal-fidi tagħha, matul din is-Sena nimxu f'din it-triq tal-fidi li Ġesù qed jistedinna għaliha, niskopru l-ġmiel tagħha, u nistqarruha bix-xhieda ta' ħajjitna.

## KRONAKA PARROKKJALI

### *Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

09/09/2012 **Joel**, bin Imelda Grima u Lawrence Attard
16/09/2012 **Giana**, bint Kristian George Farrugia u Pauline Portelli
30/09/2012 **Ana Rose**, bint Ann-Marie Grima u Joseph Caruana
24/11/2012 **Christian**, bin Alexandra Spiteri
08/12/2012 **Enya**, bint Jacqueline Debono u Jeffrey Bonnici
08/12/2012 **Mariah**, bint Joanna Falzon u Jason Vella
23/12/2012 **Luke**, bin Georgette Thewma u John Spiteri
30/12/2012 **Chanelle**, bint Derrick Camilleri u Joscelin Haber
30/12/2012 **Luca**, bin George Farrugia u Louisa van Brockdorff
30/12/2012 **Mikael**, bin Joseph Mercieca u Francesca Muscat

### *Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

01/09/2012 **Romina Xerri u Norbert Grima**
02/09/2012 **Amanda Xuereb u Rodrick Farrugia**
08/09/2012 **Ariane Vassallo u Marcel Vella**
20/09/2012 **Silvianne Cutajar u Jonathan Pace**
22/09/2012 **George Cardona u Sonia Marie Debrincat**
22/09/2012 **Reuben Grech u Paulann Spiteri**
20/10/2012 **Antonia Azzopardi u Joseph Attard**

### *Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

03/09/2012 **Carmelo Galea**
06/09/2012 **Maria Assunta Scicluna**
13/09/2012 **Mons. George Bezzina**
13/09/2012 **Francesco Mizzi**
23/09/2012 **George Camilleri**
05/10/2012 **Maria Antonia Mercieca**
13/10/2012 **Luigi Gatt**
17/11/2012 **Edward Borg**
20/11/2012 **George Cremona**
18/12/2012 **Joseph Farrugia**
22/12/2012 **Ġużeppi Cassar**
24/12/2012 **Michael Gatt**

## DONAZZJONIJIET

Grazzi mill-qalb lil dawk li wieġbu għall-appell tagħna għal iktar donazzjonijiet b'riżq din ir-rivista:
Mons. Alfred Xuereb (Vatikan) – €50 | George N. Cassar (Victoria) – €10
*Komplu għinuna, għax neħtieġu ħafna iżjed! Ibagħtu d-donazzjonijiet tagħkom (f'ċekk indirizzat lill-Bażilika ta' San Ġorġ) fuq l-indirizz tagħna, inkella wassluhom personalment fl-Uffiċċju Parrokkjali.*

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, b'inizjattiva ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Mons. Anton Borg, Mario Casha, Andrew Formosa
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Feliċ Micallef, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

*...jaqbad mill-qoxra*




Għawdex u iktar tard fl-MCAST, fejn akkwista Diploma fil-*Business Management*. Fil-fatt hu ħadem f'bosta setturi finanzjarji bħala direttur u *accountant* mal-*Westminster Group of Companies* u l-*Westminster Holdings Ltd.*

F'Ottubru 1984, fl-età ta' 31 sena, hu beda l-istudji filosofiċi u teoloġiċi tiegħu fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, u ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Ġunju 1990, mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Sena qabel, kien serva bħala djaknu fil-Quddiesa li l-Papa Ġwanni Pawlu II iċċelebra fil-Pjazza tas-Santwarju Ta' Pinu, tul iż-żjara pastorali tiegħu f'Malta u Għawdex. Hu ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fit-8 ta' Lulju 1990.

Wara l-ordinazzjoni tiegħu, hu qatta' tliet xhur fil-parroċċa ta' San Eustorgio f'Milan. Ma damx ma sar attiv fil-Moviment tat-Tiġdid Kariżmatiku, u sa mill-1991 hu kien responsabbli mill-attivitajiet tal-Moviment f'Għawdex, fejn mexxa bosta servizzi ta' fejqan f'Malta u barra. Għal sentejn għallem ukoll l-Ekonomija u l-Kummerċ fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex.

Fid-9 ta' Ġunju 1991, Dun Ġorġ ġie maħtur is-seba' Kappillan tal-Fontana, kif ukoll membru onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ. Matul il-parrokat tiegħu, il-parroċċa tal-Fontana ġiet imsebbħa b'bosta opri ta' l-arti, fosthom il-pittura kollha tas-saqaf mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, boxxla ġdida għall-bieb prinċipali, ir-rakkmu tad-deheb għall-ventaltari kollha tal-knisja, djadema tad-deheb għall-istatwa titulari bħala tifkira taċ-ċelebrazzjonijiet ċentinarji tad-Dedikazzjoni tal-Knisja, ir-restawr tal-kwadru titulari ta' Giuseppe Calì u sopraporta indurata bid-deheb għal fuqu, ir-restawr ta' l-orgni tal-knisja, kif ukoll it-tiġdid tas-sistema ta' l-elettriku.

Bħala kappillan, Dun Ġorġ ta bidu għal radju komunitarju ġdid, sejjaħ iktar ministri staordinarji tat-Tqarbin kif ukoll membri tal-parroċċa biex isiru *group leaders* għal kull triq biex jinżamm kuntatt ħaj bejn il-Kappillan u l-familji, introduċa l-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl fl-aħħar tas-sena, u tejjeb l-animazzjoni tal-Quddiesa tal-Ħadd. Kien ukoll b'inizjattiva tiegħu li l-kwadru titulari tal-Qalb ta' Ġesù ġie inkurunat mill-Isqof Cauchi fit-18 ta' Ġunju 1993; il-Kardinal Francis Arinze kien il-mistieden speċjali għal dawk il-festi. Fl-2005 saru wkoll iċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-ewwel ċentinarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja, u għal din l-okkażjoni nġabet fil-Fontana mill-knisja tal-Franġiskani Konventwali tal-Belt Victoria l-istatwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni.

Dun Ġorġ ħadem qatigħ biex ixerred id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù u kkonsagra lil din il-Qalb il-familji kollha ta' Għawdex. Bħala sinjal ta' din il-konsagrazzjoni, il-kappillani kollha ta' Għawdex qiegħdu tlettax-il stilla tad-deheb fuq il-globu f'riġlejn l-istatwa titulari. Grazzi għall-ħeġġa spiritwali tiegħu, id-devozzjoni tad-disa' Ġimgħat tal-Qalb ta' Ġesù ġibdet bosta devoti lejn is-santwarju tiegħu fil-Fontana, fost l-oħrajn pellegrinaġġi regolari minn Malta. Hu inkuraġġixxa wkoll iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Adorazzjoni Ewkaristika personali u komunitarja: għal dan il-għan irrestawra l-Kappella ta' San Mikiel u fetaħ il-knisja kważi l-ġurnata kollha biex tkun post ta' adorazzjoni perpetwa. Diffiċli wieħed jikkwantifika tant ħidma moħbija ta' direzzjoni spiritwali, pariri u atti ta' karità li hu għamel.

Dam kappillan tal-Fontana għal sittax-il sena. Fl-2007, meta kien spiċċa minn kappillan, Dun Ġorġ ġie mitlub mill-Isqof Mons. Mario Grech biex imexxi d-Dipartiment tal-Finanzi fil-Kurja Djoċesana ta' Għawdex. F'Lulju 2009 hu sar Kanonku Kuġitur tal-Kolleġġjata Ġorġjana, waqt li fl-24 ta' Settembru 2009 ġie maħtur Kappillan tal-Qdusija Tiegħu, jiġifieri Monsinjur tal-Papa. Fit-8 ta' Frar 2011, l-Isqof ħatru amministratur tal-knisja ta' San Ġakbu, fil-Belt Victoria, fejn Mons. Bezzina ġedded il-ħidma tal-Fratellanza antika tad-Duluri, speċjalment fost il-membri konsorelli. Dan l-aħħar hu kien ukoll kappillan tal-*Chorus Urbanus*, li tiegħu kien wieħed mill-membri-fundaturi fl-1975. Kien ukoll membru ta' l-Ordni Ekwestriju tas-Sepulkru Mqaddes.

Mons. Bezzina kien predikatur magħruf u mfittex f'bosta knejjes f'Malta u Għawdex, u kien jagħti wkoll irtiri spiritwali barra minn Malta. Fl-aħħar snin, nibqgħu niftakru t-Tridu ta' l-Assunta fil-Katidral ta' Għawdex li għamel fl-2011, kif ukoll in-Novena ta' l-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla. Lejn San Ġorġ, il-qaddis patrun tiegħu, kellu mħabba speċjali; fil-fatt, fit-Tridu ta' San Ġorġ fil-Bażilika tiegħu fil-Belt Victoria fl-2010, stqarr li qabel kull impenn pastorali kien ifittex l-interċessjoni tiegħu.

Bejn l-1994 u l-2011, Mons. Bezzina ppreżenta b'dedikazzjoni u assidwità eżemplari l-programm popolari *Nisimgħek*, kull nhar ta' Ħadd fil-għaxija fuq RTK. Kellu wkoll programmi fuq ir-radjijiet komunitarji *Leħen il-Belt Victoria* u *Radju Katidral.*

Il-funeral tiegħu sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ, nhar it-Tlieta 18 ta' Settembru 2012, fil-5.00pm, wara li l-fdalijiet tiegħu kienu tqiegħdu għall-qima pubblika fil-knisja parrokkjali tal-Fontana u fil-knisja ta' San Ġakbu. Il-Quddiesa *præsente cadavere* tmexxiet mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan u bosta saċerdoti oħra.









**Ritratti**

**01** Mons. George Bezzina jippriedka l-aħħar Tridu tiegħu, dak ta' Santa Marija fil-Katidral ta' Għawdex, Awwissu 2011 [ritratt: Leo Mario Haber].

**02** Iġorr il-kuruna għall-kwadru titulari tal-Qalb ta' Ġesù fl-1993.

**03** Mal-Kapitlu Ġorġjan fil-Festa Ċentinarja ta' San Ġorġ, Lulju 2003.

**04** Joffri bukkett fjuri lil San Ġorġ fi tmiem it-Tridu tiegħu, Lulju 2010.

**05** Il-Funeral tiegħu fil-Bażilika Ġorġjana, 18 ta' Settembru 2012.

# Mons. Giovanni Bosco Cremona maħtur Monsinjur Kuġitur tal-Katidral



*Wara li f'Diċembru 2011, Dun Ġużepp Gauci, mill-kleru tal-parroċċa tagħna, ġie maħtur Monsinjur Onorarju tal-Katidral ta' Għawdex, fit-2 ta' Ottubru li għadda, wara li sema' l-fehma ta' l-istess Kapitlu Katidrali, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech ħatar lill-Kanonku Onorarju Giovanni Bosco Cremona, membru tal-Kapitlu Ġorġjan u sa dak in-nhar Rettur tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi, bħala Kanonku Koadjutur tal-Kapitlu Katidrali bit-titlu ta' Monsinjur. Dun Ġwann ġie magħżul biex ikun il-kuġitur ta' Mons. Anton Gauci, għal bosta snin Dekan tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Katidrali ta' l-Assunta.*

Giovanni Bosco Cremona twieled fis-16 ta' Novembru 1952 fi Triq il-Kappillan Hili, il-Fontana, minn Ġużeppi Cremona u Agata mwielda Cassar. Hu rċieva l-Magħmudija tlitt ijiem wara fil-knisja parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesù mill-Kappillan Dun Mikiel Grech. F'din il-parroċċa wkoll irċieva l-Ewwel Tqarbina fl-1958 u l-Konfirmazzjoni fl-1959, fi żmien il-Kappillan Dun Nikol Cauchi, li mbagħad sar Isqof ta' Għawdex.

Sa l-età ta' għaxar snin trabba l-Fontana, sakemm il-familja tiegħu ġiet toqgħod ir-Rabat fi Triq Vajrinġa. Imma fis-Sajf, il-familja kienet tinżel vileġġjatura fil-bajja tax-Xlendi, fejn hemm hekk nibtet l-imħabba kbira tiegħu lejn il-Madonna tal-Karmnu u lejn il-knisja tax-Xlendi. Sa mill-età żgħira ta' ħdax-il sena kien ġa beda jgħin lir-Rettur Mons. Ġużeppi Curmi.

Fi tfulitu attenda fl-Iskola Primarja tal-Gvern fir-Rabat, u mbagħad ħa l-edukazzjoni sekondarja fil-Liċew ta' Għawdex. F'Settembru 1970 daħal is-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, fejn beda l-formazzjoni li wasslitu għas-saċerdozju. Fit-18 ta' Ġunju 1977 gie ordnat djaknu fil-Katidral ta' Għawdex mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Sena wara, nhar il-Ġimgħa 14 ta' Lulju 1978, Giovanni ġie ordnat saċerdot mill-Em.T. il-Kardinal Ermenegildo Florit, Arċisqof ta' Firenze, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet speċjali tat-tliet mitt sena mill-bini tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Miegħu ġew ordnati wkoll Dun Ġużepp Farrugia, li mbagħad sar Arċipriet ta' San Ġorġ, u Dun Feliċ Tabone, il-lum Vigarju Parrokkjali. Iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fl-istess Bażilika, il-Ħadd 23 ta' Lulju.

Wara l-ordinazzjoni, Dun Giovanni għal xi żmien għamel xogħol pastorali fil-parroċċa tal-Madonna tal-Bon Kunsill f'Ruma. Lura f'Għawdex, bejn l-1979 u l-1985 hu serva bħala Direttur Djoċesan ta' l-Għaqda ta' l-Abbatini, waqt li bejn l-1979 u l-1983 kien vigarju parrokkjali fil-parroċċa tal-Fontana, fejn kien ukoll l-organista.

Reġa' ħalla xtutna fl-1983 biex jagħmel ħidma pastorali fil-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù (Sagrado Corazon) f'Ġibiltà. Sfortunatament kellu jħalli din il-ħidma u ġie lura Għawdex wara żmien qasir għax irċieva l-aħbar ħażina tal-mewt għall-għarrieda ta' ommu.

Kien fl-1 ta' Awwissu 1984 li l-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauci ħatru t-tmien Rettur tal-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi. Hawn Dun Ġwann ingħata b'ruħu u b'ġismu għall-ħtiġijiet spiritwali tal-komunità Nisranija tax-Xlendi kif ukoll biex kompla sebbaħ il-knisja. Dam rettur għal tmienja u għoxrin sena sħaħ.

Mill-1987 hu jaħdem fis-Sezzjoni tal-Propjetà tal-Knisja fil-Kurja ta' l-Isqof, bħala amministratur tal-Propjetà Ekkleżjastika f'Għawdex, kariga li għadu jokkupa sal-lum.

Fit-8 ta' Lulju 1997, Dun Ġwann ġie maħtur Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ.

Fil-5 ta' Lulju 2003, fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji ta' l-1700 sena mill-Martirju ta' San Ġorġ, flimkien ma' l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia u mal-Kan. Feliċ Tabone, hu fakkar il-Ġublew Presbiterali tal-Fidda b'Konċelebrazzjoni Solenni fil-Bażilika.

Mons. Cremona hu predikatur għaref u mfittex, u għandu mħabba kbira lejn il-Qaddis Patrun tagħan San Ġorġ. Fis-17 ta' Lulju 2005 nseġ il-Paniġierku tal-Festa ta' San Ġorġ, l-aħħar wieħed li sar qabel beda jagħmilhom kull sena l-Isqof Mario Grech.

Fid-Digriet tal-ħatra tiegħu bħala Kanonku Koadjutur tal-Katidral, iffirmat fit-2 ta' Ottubru 2012, l-Isqof Grech fisser li fost l-oħrajn kien qed jagħtih din il-ħatra għax ma setax ma jirrikonoxxix "il-kollaborazzjoni li inti toffrili fit-twettiq ta' l-uffiċċju tiegħi bħala amministratur tal-Knisja lokali".

Fl-istess jum Mons. Cremona kien qed itemm il-kariga tiegħu ta' Rettur tax-Xlendi, fejn ħa postu għal ftit żmien Dun Ġwann Muscat minn Ta' Sannat, il-lum Kappillan tal-Fontana.

Fit-18 ta' Novembru 2012, wara nofs in-nhar, Mons. Bosco Cremona ħa l-pussess uffiċjali bħala Kanonku Koadjutur tal-Katidral ta' l-Assunta. Għaċ-ċerimonja, barra l-familjari u l-qraba, kien hemm preżenti l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona.



**Ritratti** mill-Pussess bħala Monsinjur, 18 ta' Novembru 2012.
[ħajr: Tonio Schembri]

# Fil-knisja u l-parroċċa ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex 1944-1954
## It-Tieni Parti

**Winston L. Zammit** *jissokta bit-tieni parti ta' l-artiklu tiegħu dwar is-snin ta' l-Arċipretura ta' Mons. Mikiel Cefai (1891-1981).*




**Il-Festa Titulari ta' San Ġorġ**

Fis-snin ta' wara l-Gwerra, il-Festa Titulari ta' San Ġorġ, li f'dak iż-żmien kienet għadha ssir fir-raba' Ħadd fuq l-Għid il-Kbir, kompliet tikber.

F'Marzu 1951, saru għall-ewwel darba d-Disa' Ħamisijiet ta' qabel il-Festa ta' San Ġorġ. Fl-okkażjoni ta' l-ewwel Ħamis ta' l-1951, l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai niseġ fervorin f'ġieħ il-qaddis. Fil-għaxija, imbagħad, fl-istess knisja saret ir-reċita tal-Kurunella ta' San Ġorġ.[39]

Interessanti huwa dak li sar fl-ewwel Ħamis tas-sena ta' wara, 1952. F'dik is-sena l-Ħamisijiet kellhom jibdew fis-6 ta' Marzu. Lejliet, l-Erbgħa 5 ta' Marzu, fl-Ave Marija, mad-daqq ta' mota mill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, sar sparar qawwi u fit-tul mill-Gran Kastell. L-għada, il-Ħamis 6 ta' Marzu, saru diversi funzjonijiet fil-knisja ta' San Ġorġ, u fil-għaxija l-Banda *La Stella*, wara li għamlet marċ mat-toroq tal-Belt Victoria, daqqet programm fi Pjazza San Ġorġ.[40]

Billi b'effett mill-1953, il-Festa Titulari ta' San Ġorġ ġiet ittrasferita għat-tielet Ħadd ta' Lulju, fl-1954, il-Ħamisijiet bdew fl-20 ta' Mejju.[41]

Il-Festa Titulari ta' San Ġorġ, b'effett mill-1946, kompliet tikber fis-solennità tagħha, meta minn barra l-Kapitlu tal-Katidral, beda jieħu sehem akbar fiha l-Isqof Djoċesan Mons. Ġużeppi Pace, li beda jagħmel it-Translazzjoni Solenni lejlet il-Festa u l-Pontifikal nhar il-Festa.[42]

Mill-gazzetti lokali niġbru tagħrif dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-Festa Titulari ta' San Ġorġ. Fl-1947 fil-għodu Mons. Isqof Pace għamel Pontifikal megħjun mill-Kapitlu tal-Katidral. Għall-festi ta' barra ħaseb bħas-soltu l-Kumitat tal-Banda *La Stella* li organizza festi solenni.[43]

Il-Festa Titulari ta' l-1950 saret il-Ħadd 8 ta' Mejju. It-Tridu sar minn Dun Ġorġ Mercieca. Lejlet il-Festa, Mons. Isqof Pace għamel it-Translazzjoni Solenni, u nhar il-Festa għamel Pontifikal li fih għamel il-paniġierku Patri Akkursju Xerri OFM. Fil-għaxija, Mons. Pace mexxa l-purċissjoni bil-vara ta' San Ġorġ mat-toroq prinċipali tal-Belt Victoria, bis-sehem tal-Banda *La Stella*. Il-mużika tat-Tridu u tal-Festa kienet immexxija mis-Surmast Giuseppe Giardini Vella.[44]

Dwar il-Festa Titulari ta' l-1951, nafu li l-ħruġ min-niċċa sar l-Erbgħa 18 ta' April, u li l-predikatur tat-Tridu dik is-sena kien Dun Anton Grech. Lejlet il-Festa,



2



3

fit-Translazzjoni ħadu sehem il-Kapitlu tal-Katidral u Mons. Isqof, li nhar il-Festa, il-Ħadd 22 ta' April, għamel Pontifikal li fih għamel il-paniġierku l-Kapuċċin Patri Fidiel. Wara nofs in-nhar, Mons. Isqof ħa sehem fil-purċissjoni, li matulha sar sparar qawwi u fit-tul. Fil-festa ta' barra ħadu sehem il-Baned *La Stella* u *L'Isle Adam*.[45] Naraw x'tgħidilna gazzetta lokali fuq din il-festa: *"The translation of the saint's relic enhanced by the presence of H.L. the Bishop of Gozo and the Cathedral Chapter on the eve of the feast, and the Pontifical High Mass and the procession in which H.L. took part, formed the special features of this religious feast"*. It-toroq kienu mżejna u kien hemm il-logħob tan-nar.[46]

Fl-1952 il-Festa ta' San Ġorġ ġiet iċċelebrata l-Ħadd 11 ta' Mejju. Il-Festa nfetħet bit-Tridu, li fih saru l-priedki minn Dun Karm Sacco. Lejlet il-Festa l-Isqof Ġużeppi Pace mexxa t-Translazzjoni, u nhar il-Festa għamel Pontifikal li fih għamel il-paniġierku Patri Ġerardu Paris OP, u f'nofs in-nhar imbagħad sar il-marċ tradizzjonali. Fis-6.00pm bdiet ħierġa l-purċissjoni bil-vara titulari, u kif tfaċċat il-vara ta' San Ġorġ, il-Banda *La Stella* esegwiet l-innu bis-sehem tat-tenur, il-baritonu u l-kor tat-tfajliet. Fil-festa ta' barra ħadu sehem il-Baned *La Stella* u *King's Own*. Kien hemm ukoll il-logħob tan-nar.[47]

**Il-Festi Ċinkwantenarji (303-1953)**

Il-Festa Titulari ta' l-1953, li kellha ssir il-Ħadd 3 ta' Mejju, kellha tfakkar l-1650 Anniversarju tal-Martirju ta' San Ġorġ. Qabel din il-Festa, saru bħas-soltu d-disa' Ħamisijiet li bdew fis-26 ta' Frar.[48]

It-Tridu beda l-Erbgħa 29 ta' April. Fl-ewwel jumejn ippriedka Dun Ġużepp Farrugia Vella, u fl-aħħar jum ippriedka Mons. Emmanuele Mercieca. Fit-tlitt ijiem tat-Tridu daqqet il-Banda *La Stella*.

Iżda s-Sibt 2 ta' Mejju fil-għodu tfaċċa l-maltemp, u għalhekk inħass il-bżonn li l-festi jiġu ttrasferiti. Wara xi taħdidiet li saru bejn l-Isqof Pace u l-Arċipriet Cefai, ġie deċiż li l-Festa tiġi ttrasferita għal data oħra.[49] Fil-fatt ftit wara ħarġet l-aħbar mill-Kumitat tal-Festi Esterni ta' San Ġorġ li l-Festa kienet ġiet ittrasferita għat-tielet Ħadd ta' Lulju, li dik is-sena ħabat id-19.[50]

Fil-fatt il-festi ttrasferiti bdew il-Ħadd 12 ta' Lulju u spiċċaw il-Ħadd 19. Il-Ħadd 12 ta' Lulju saret l-inawgurazzjoni ta' parti oħra tal-pittura, xogħol tal-pittur Conti.[51] It-Tlieta 14 ta' Lulju, il-Banda *La Stella* tellgħet Akkademja Mużiko-Letterarja fl-Oratorju Don Bosco. Fiha, minn barra s-sehem tal-Banda *La Stella* li daqqet l-Innu l-Kbir ta' San Ġorġ, taħt id-direzzjoni tas-Surmast



4



tifkira tal-25 Anniversarju ta' l-Ewwel Kungress Ewkaristiku Djoċesan (1929-1954). Għaldaqstant, il-Ħadd 20 ta' Ġunju, fl-aħħar jum tal-Kwaranturi, l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace għamel Pontifikal fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Fil-għaxija, imbagħad, mill-istess knisja ħarġet il-purċissjoni Ewkaristika, li tmexxiet mill-Arċisqof Metropolita Mons. Mikiel Gonzi, mistieden għal din l-okkażjoni speċjali mill-Isqof Pace. Fiha ħadu sehem il-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-komunitajiet kollha, l-għaqdiet kollha reliġjużi, u folol kbar ta' nies minn Għawdex. Kif il-purċissjoni waslet it-Tokk, quddiem il-Monument ta' Kristu Re, sar diskors taċ-ċirkustanza minn Mons. Arċipriet Mikiel Cefai, u wara l-Arċisqof Mikiel Gonzi qara l-Att tal-Konsagrazzjoni, u wara tkanta *Te Deum*. Wara l-Barka Sagramentali, il-purċissjoni Ewkaristika baqgħet sejra lejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn ingħatat Barka Sagramentali oħra.[58]

Giardini Vella, kien hemm ħames kelliema b'dawn it-temi: Mons. Arċipriet Cefai – "San Ġorġ u l-Gżejjer Maltin"; Sir Arturo Mercieca LLD – *"San Giorgio nell'Arte e nella Letteratura"*; Ġorġ Pisani – Poeżija Ċinkwantenarja; il-Kummissarju ta' Għawdex Edgar Montanaro – *"St George Patron of Chivalry"*; Patri Akkursju Xerri OFM – "San Ġorġ fl-Istorja".[52]

It-Tridu beda l-Erbgħa 15 ta' Lulju, u l-predikatur kien il-Prokuratur tal-Knisja Dun Anton Grech Vella. Is-Sibt 18 ta' Lulju kien hemm it-Translazzjoni Pontifikali, u l-għada l-Ħadd Mons. Isqof għamel Pontifikal li fih għamel il-paniġierku Mons. Arċipriet Mikiel Cefai. Fil-festi ta' barra, minn barra l-Banda *La Stella*, ħadu sehem tliet baned Maltin, li kienu *King's Own*, *La Stella* (Gudja), u *San Ġorġ* (Ħal Qormi).[53]

Fis-sena ta' wara, 1954, it-Tridu tal-Festa ġie ppriedkat minn Mons. Karm Xuereb, u l-paniġierku sar minn Patri Bonaventura Fiorini OFM. Il-purċissjoni saret bħas-soltu mill-Isqof Pace, u kien hemm il-baned, fosthom *La Stella* li daqqet fil-ħamest ijiem tal-festi, u l-logħob tan-nar.[54]

B'rabta mal-Festa ta' San Ġorġ, tajjeb li nżidu li nhar dik ta' l-1946 saret għall-ewwel darba t-Tiġrija tal-Bhejjem.[55]

## Il-Kwaranturi Mqaddsa

Festa importanti fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kienet dik tal-Kwaranturi.

Fl-1951, l-għeluq tagħhom sar il-Ħadd 27 ta' Mejju, b'purċissjoni li tmexxiet mill-Isqof Ġużeppi Pace. Ingħatat il-Barka Sagramentali fil-beraħ fi Pjazza Savina u fit-Tokk. Fl-aħħar tkanta *Te Deum* fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.[56] Fil-purċissjoni tal-Kwaranturi ta' sentejn wara, 1953, insibu li ħadu sehem il-patrijiet Kapuċċini, il-Franġiskani Konventwali u l-Agostinjani, flimkien mas-seminaristi u l-kleru.[57]

L-għeluq tal-Kwaranturi ta' l-1954 kien ferm aktar solenni. Bejn l-10 u l-20 ta' Ġunju, f'Għawdex saret it-

**Riferenzi**

[39] *Il-Berqa*, 8 ta' Marzu 1951, p. 7.
[40] Ibid, 13 ta' Marzu 1952, p. 7.
[41] Ibid, 20 ta' Mejju 1954, p. 7.
[42] *Leħen is-Sewwa*, 16 ta' Lulju 1958.
[43] Ibid, 17 ta' Settembru 1947.
[44] Ibid, 24 ta' Mejju 1950, p. 6.
[45] *Il-Berqa*, 26 ta' April 1951, p. 7.
[46] *Times of Malta*, 27 April 1951. p. 9.
[47] Ibid, 15 ta' Mejju 1952, p. 7; *Times of Malta*, 26 May 1952, p. 9.
[48] Ibid, 5 ta' Marzu 1953, p. 7.
[49] Ibid, 7 ta' Mejju 1953, p. 7.
[50] Ibid, 21 ta' Mejju 1953, p. 7.
[51] Ibid, 23 ta' Lulju 1953, p. 7.
[52] Ibid, 30 ta' Lulju 1953, p. 7.
[53] Ibid, 23 ta' Lulju 1953, p. 7.
[54] Ibid, 22 ta' Lulju 1954, p. 7.
[55] Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
[56] Ibid, 31 ta' Mejju 1951, p. 7.
[57] Ibid, 4 ta' Ġunju 1953, p. 7.
[58] *Għawdex*, 27 ta' Ġunju 1954, p. 2.

*jissokta fil-ħarġa li jmiss...*

**Ritratti** [ħajr lil George Borg, Mons. Coronato Grima u Georgina Xerri]
**01** Dehra ta' l-ewwel darba li l-Festa Titulari ta' San Ġorġ inżammet fis-Sajf wara t-trasferiment, nhar id-19 ta' Lulju 1953.
**02** L-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fl-Oratorju Don Bosco fl-okkażjoni tal-Festi Ċinkwantenarji ta' l-1953.
**03** Patri Akkursju Xerri OFM jagħmel id-diskors tiegħu dwar San Ġorġ, fl-Akkademja Mużiko-Letterarja ta' Lulju 1953.
**04** It-Translazzjoni Pontifikali tal-Vġili ta' San Ġorġ, immexxija mill-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, Isqof Djoċesan, fil-Festa ta' l-1954. L-Isqof Pace jidher akkumpanjat minn Mons. Emanuel Mercieca (iktar tard Arċipriet) fuq il-lemin tiegħu u minn Mons. Ġwann Grech fuq ix-xellug. Quddiem dan ta' l-aħħar jidher ukoll Dun Tarċis Gatt, Ċerimonier ta' l-Isqof. Warajhom, kappisti hemm Dun Karm Grech u Dun Ġużepp Gauci.
**05** Il-Purċissjoni tal-Kwaranturi Mqaddsa għaddejja mit-Tiġrija fit-30 ta' Mejju 1959, meta ħarġet għall-ewwel darba l-Umbrella Bażilikali merfugħa minn Felic Attard (Ta' Kunċetta).



# L-esperjenza tiegħi fil-Belt tal-Vatikan

*Fis-Sajf ta' l-2012, il-Bażilika ta' San Ġorġ kellha l-unur li tibgħat membru tal-* Piccolo Clero *tagħha mal-kontinġent ta' abbatini Maltin u Għawdxin li kull sena jitla' biex jagħti servizz fil-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma. Wara sitt snin mill-esperjenza ta' Keith Vella, abbati ieħor Ġorġjan li kien mar il-Vatikan fl-2006, din id-darba mess lil* **Samuel Aquilina**, *wieħed mill-abbatini l-iżjed 'anzjani' li għandna bħalissa San Ġorġ, li jgħaddi mill-eżami u jintgħażel għal din l-esperjenza unika, kif jirrakkonta hu stess f'dan l-artiklu...*

Ħassejt ferħ u sodisfazzjon kbir meta rċevejt ir-riżultat ta' l-eżami tal-abbatini tal-Vatikan u sirt naf li ġejt wieħed mill-ewwel erbgħa. Kien irnexxieli nikkwalifika biex immur inservi bħala abbati fil-Bażilika tal-Vatikan għal ġimagħtejn fis-Sajf ta' l-2012.

Wara numru ta' laqgħat preparatorji fil-knisja tal-Vitorja, il-Belt Valletta, ma' Mons. Frans Bonnici, Dun Mark Ellul u s-seminarista Għawdxi Daniel Sultana, iż-żmien biex immorru Ruma kien wasal. Jien u t-tliet abbatini Għawdxin l-oħra tlaqna mill-port ta' l-Imġarr flimkien mas-seminarista Daniel fid-9 ta' Awwissu. Kellna titjira pjaċevoli ħafna lejn Ruma. Meta wasalna fl-Ajruport ta' Fiumicino, irkibna x-xarabank li kienet ibbukkjata minn Dun Frans, u wara siegħa u kwart wasalna fil-Belt tal-Vatikan.

Kif wasalna, morna ma' Dun Frans biex nixtru xi ħaġa u nitrejqu. Wara morna fil-Preseminarju *San Pio X* u poġġejna ħwejjiġna fil-kamra tagħna. Kelli x-xorti li naqsam il-kamra tiegħi mat-tliet abbatini Għawdxin l-oħra: Franklin Micallef minn Ta' Kerċem, Joseph Mercieca mill-Fontana u Steven Gauci minn Ta' Sannat. Wara, Dun Frans ħadna fil-Bażilika ta' San Pietru biex jurina fejn jinsabu l-altari tal-ġnub. Imbagħad morna fil-Preseminarju u hemm iċċelebrajna l-Quddiesa bil-Malti u t-Taljan.

Kuljum konna nqumu fil-5.30am, nilbsu l-uniformi u mmorru San Pietru bil-mixi, peress li l-Bażilika kienet tefgħa ta' ġebla 'l bogħod. Imbagħad konna nilbsu s-suttana l-ħamra u l-ispellizza u ninżlu l-garigor li jwassal għas-sagristija. Xi wħud minna kienu jixegħlu u jippreparaw l-altari tal-ġnub tal-Bażilika, oħrajn kienu jirranġaw il-kalċijiet, u xi wħud oħra jgħinu l-qassisin jilbsu. Jien servejt il-Quddies f'diversi lingwi, bħal Latin, Taljan, Spanjol, Ingliż u Pollakk. Fil-Ħdud u f'Santa Marija konna nagħmlu s-servizz ta' fil-għodu tas-soltu, inservu fil-Konċelebrazzjoni u fil-għaxija nispiċċaw bl-Għasar. Jien u abbati ieħor konna wkoll inservu l-Quddiesa mal-Kardinal Angelo Comastri, li hu l-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Pietru. Wara, għal xi t-8.30am, konna nieħdu kolazzjon tajjeb ħafna u wara mmorru nduru madwar il-belt ta' Ruma. Għal nofs in-nhar konna mmorru lura l-Preseminarju għall-ikel.

Wara l-ikel konna nistrieħu ftit jew nerġgħu mmorru nduru. Imbagħad konna nilagħbu logħba futbol jew immorru xi mixja madwar il-Gonna tal-Vatikan. Wara ninħaslu malajr u ninżlu għall-ikla ta' fil-għaxija. Kważi kuljum, wara ċ-ċena, Dun Frans kien jeħodna nixtru xi ġelat jew pasta tajba. Meta naslu fil-Preseminarju konna nkunu għajjiena ħafna wara ġurnata bħal dik.

Kemm domna Ruma, żorna diversi knejjes sbieħ, fosthom San Ġwann Lateran u Santa Maria Maggiore, li huma Bażiliċi Maġġuri. Morna wkoll Piazza Navona u Piazza di Spagna fejn rajna ħafna funtani sbieħ. Żorna wkoll il-Fontana di Trevi. Dun Frans ħadna fil-belt żgħira ta' Assisi fejn rajna knejjes sbieħ u l-oqbra ta' San Franġisk u Santa Kjara. Jum wieħed morna fil-Monasteru ta' Subiaco fejn rajna s-*Sacro Speco*, li hija l-grotta fejn San Benedittu dam tliet snin jgħix bħala eremita.

Żgur li waħda mill-egħżeż esperjenzi tiegħi fil-Vatikan tibqa' l-Vestizzjoni li saret fil-*Cappella del Coro*, meta sirt uffiċjalment 'abbati tal-Bażilika ta' San Pietru' u ngħatajt il-faxxa l-ħamra mill-Kardinal Angelo Comastri. Esperjenza sabiħa oħra kienet meta morna għall-Udjenza tal-Papa f'Castel Gandolfo. Wara ltqajna ma' Mons. Alfred Xuereb, is-segretarju tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI. Mons. Xuereb tana l-permess biex inżuru l-Ġonna Papali u r-razzett li jipprovdi parti mill-ikel tal-Belt tal-Vatikan.

Nixtieq nirringrazzja lil Dun Brian Mejlak għal-laqgħat preparatorji ta' qabel l-eżami lil Mons. Frans Bonnici u l-assistent tiegħu Dun Mark Ellul li huma responsabbli għall-abbatini li jmorru l-Vatikan, lis-seminarista Daniel Sultana u l-*helpers* Randall Debattista u Justin Camilleri. Nixtieq ukoll nirringrazzja lil Mons. Arċipriet. Pawlu Cardona, Mons. Felix Tabone u Kan. Emanuel Buttigieg li huwa d-direttur tal-Grupp ta' l-Abbatini tal-parroċċa tagħna.



Il-grupp f'ritratt ma' l-Arċipriet Mons Pawlu Cardona u Mons. Frans Bonnici wara Quddiesa fil-Vatikan.

# Ħallina Antoinette Frendo PEP

Fit-22 ta' Ġunju 2012, festa tas-Sejħa tal-Verġni Mqaddsa Ta' Pinu, ħalliet din l-art is-Sinjura Antoinette Frendo PEP, li diġà kellna okkażjon nitkellmu dwarha fit-tul f'ħarġa oħra, billi f'Awwissu tas-sena l-oħra hija rċiviet il-ġieħ prestiġjuż *Pro Ecclesia et Pontifice* għall-ħidma notevoli tagħha fi ħdan il-Knisja.

Antoinette, omm il-Kan. George J. Frendo u Dr Maria Frendo, it-tnejn pilastri ewlenin tal-mużika sagra fil-Bażilika Ġorġjana, kienet attiva ħafna fl-Azzjoni Kattolika. Fl-1983 hi kienet il-ko-fundatriċi u l-ewwel presidenta tal-*Ladies Society* fil-parroċċa tagħna u t-tħabrik tagħha fil-qasam tal-promozzjoni soċjali u umana hu magħruf sewwa.

Mara ta' spiritwalità Nisranija sempliċi imma profonda, leali lejn id-dmirijiet tagħha ta' Kattolika u eżemplari f'kull għemil tagħha, Antoinette mietet fl-età ta' 86 sena fid-dar tagħha fi Triq Vajrinġa, imċawra minn uliedha. Il-Verġni Mqaddsa Ta' Pinu tatha x-xorti sabiħa li tagħlaq għajnejha fil-jum tal-festa tagħha. Il-funeral sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ fil-25 ta' Ġunju 2012.



Antoinette Frendo tirċievi l-ġieħ *Pro Ecclesia et Pontifice* fil-Kurja ta' Għawdex, minn idejn Mons. Filippo Colnago, Segretarju tan-Nunzju Appostoliku għal Malta, fil-preżenza ta' l-Isqof Mons. Mario Grech, Awwissu 2011.

**Lis-Sinjura Antoinette Frendo PEP (1926-2012)**
**Filantropa Għawdxija**

Nafek ta' nannti ġàra fil-Vajrinġa,
għalkemm anzjana, żvelta, kollok sliem,
dejjem b'dik it-tbissima tfisser ħafna
fuq fommok tilgħab, tgħid iżjed mill-kliem.

Niftakrek dejjem bil-kuruna f'idek,
fi ħsiebek Alla w Ommu, kullimkien;
diskorsok safi b'duwet ir-ruħ mimli,
fwieħatu tiżboq l-isbaħ fewħ tal-ġnien.

Ħabbejt il-Martri l-Kbir ta' Kristu Msallab
li ġarr f'idejh il-palma tar-rebħiet;
devota kont tal-Ħniena kbira t'Alla
u fiha fdajt fil-ferħ u f'waqt l-inkwiet!

Għall-armla w għall-batut u għall-marid kellek
qalb tħabbat sitta sitta, bla waqfien –
ma kontx taf toqgħod kwieta bla tippjana
kif tferraħ, tħenni, tfarraġ lill-għajjien.

Għożżejt lis-saċerdot, ħabbejt lill-Knisja
fl-Azzjoni dħalt żagħżugħa w żammejt sħiħ;
w għalkemm tas-snin l-għeliem fuq wiċċek dehru,
żagħżugħa bqajt man-nefħa ta' kull riħ!

Il-lum, wara li żrajt il-ġid bil-kotra,
is-Sid tal-Ħsad ittawwal mis-Smewwiet;
bagħat 'l Ommu minn Ta' Pinu ssejjaħlek
u magħha tlaqt lil hemm miż-żminijiet!

**Dun Geoffrey G. Attard**
25 ta' Ġunju 2012

# Is-seminarista Mario Curmi b'servizz pastorali fostna



Hi aħbar tajba għalina bħala komunità parrokkjali meta fil-bidu ta' sena pastorali ġdida, jiġifieri f'Settembru, insiru nafu li xi seminarista ġie assenjat li jagħmel esprjenza pastorali fil-parroċċa tagħna. Din is-sena s-Seminarju bagħtilna fostna, biex iwettaq servizz pastorali speċjalment fil-jiem tas-Sibt u l-Ħadd, lil Mario Curmi, mill-parroċċa tax-Xagħra, li jinsab fil-ħames sena ta' formazzjoni lejn is-saċerdozju. Mario jiġi ħu Dun Michael, Viċi-Rettur tas-Seminarju Maġġuri, u Dun Joseph, Vigarju Parrokkjali fin-Nadur, li meta kienu seminaristi t-tnejn li huma kienu għamlu sena ta' servizz pastorali f'San Ġorġ!

Fil-parroċċa tagħna, matul din is-sena, Mario qed imiss ma' diversi realtajiet pastorali. Hu responsabbli mill-Grupp tal-Vokazzjonijiet, mill-Abbatini flimkien mad-Direttur tagħhom il-Kan. Emanuel Buttigieg, kif ukoll mill-Grupp ġdid ta' l-Adolexxenti Żgħar (Forms 2 u 3) li beda jiltaqa' kull żewġ Sibtijiet minn Settembru li għadda 'l hawn. Hu jgħin ukoll fl-animazzjoni tal-Quddiesa għat-Tfal u l-Familja, waqt li jieħu sehem fil-Konċelebrazzjoni Konventwali tad-9.00am u fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum mal-Kapitlu dritt qabel.

Lil Mario nawgurawlu u nwegħduh it-talb tagħna, waqt li nkomplu nitolbu għal iktar vokazzjonijiet saċerdotali mill-parroċċa tagħna.

# Charles Cassar dwar it-teżi tiegħu fuq l-arti f'San Ġorġ



*F'Diċembru 2011, is-Sur* **Charles R. Cassar** *iggradwa b'Baċellerat ta' l-Arti (Unuri) mill-Università ta' Marsa wara li segwa kors fl-Istorja ta' l-Arti. It-teżi li ppreżenta bħala parti mill-istudji tiegħu kienet studju riċerkat dwar l-opri ta' l-arti fil-Bażilika ta' San Ġorġ, bl-isem* A catalogue of works of art at St George's Basilica, Gozo. *Bla dubju ta' xejn, din ir-riċerka hi ta' valur imprezzabbli għall-istorja tal-parroċċa tagħna, u ta' dan nirringrazzjaw lis-Sur Cassar, li hu wkoll voluntier fi ħdan il-Fondazzjoni Belt Victoria, u issa qed ikompli bl-istudji artistiċi tiegħu f'livell ta' Liċenzjat. Hawn hu jaqsam magħna l-ħsieb wara t-teżi tiegħu.*

Għal mijiet ta' snin fl-antik, l-ismijiet ta' 'Rabat' u 'Għawdex' kienu sinonimi. Il-knisja ta' San Ġorġ kienet, bħal-lum, tinsab fil-qalba tal-*Borgo*, il-post fejn il-maġġoranza tal-popolazzjoni Għawdxija kienet toqgħod. Fil-fatt, dokument antik juri li San Ġorġ kien diġà parroċċa qabel is-sena 1450.

Minħabba l-fatt li kienet barra l-ħitan relattivament kennija tas-Sur, minn żmien għal żmien il-knisja ta' San Ġorġ kemm-il darba sofriet mill-qilla ta' l-attakki tal-furbani Torok. Bosta drabi, b'riżultat ta' dawn ir-*razzias*, il-knisja ta' San Ġorġ ġarrbet ħsara konsiderevoli speċjalment fl-istruttura arkitettonika u wkoll fil-paramenti liturġiċi li kellha.

F'dan l-hemm kollu, l-Għawdxin baqgħu jżommu lil San Ġorġ f'qalbhom u l-knisja tiegħu qatt ma abbandunawha, għaliex l-abitanti tal-gżira dejjem raw f'din il-knisja l-identità tagħhom. Tant hu hekk li meta Monsinjur Dusina żar lil Għawdex f'1575, hu għażel li jipprofana l-parroċċi ta' San Ġakbu u ta' Savina, imma ħalla lil dik ta' San Ġorġ. Dusina żgur li ra l-importanza tal-parroċċa Ġorġjana, anki jekk il-knisja ma kenitx għadha stejqret mill-attakk terribbli ta' l-1551 meta Dragut kien poġġa parti mill-kanuni tiegħu fl-inħawi preċiżament quddiem San Ġorġ.

B'xorti tajba l-knisja ta' San Ġorġ bdiet tara żminijiet aħjar, l-aktar bil-bini mill-ġdid tal-knisja fl-1672-1678. San Ġorġ dejjem ġibed lejh bosta mill-aqwa artisti li kellna f'dawn il-gżejjer u oħrajn li żaruna matul is-snin.

L-għan tat-teżi tiegħi kien li nuri kif it-teżori f'din il-knisja ewlenija f'Għawdex huma mikrokożmu ta' l-istili ta' l-arti li eżistew matul is-sekli fil-gżejjer tagħna, jew aħjar bejn is-sekli sittax u l-preżent.

Dawn it-teżori – li jinkludu pittura, skultura, statwarja, għamara, *objets d'art*, u lbies sagru – huma fost l-aqwa mhux biss fil-gżira Għawdxija, imma wkoll fiż-żewġ gżejjer. Din il-kollezzjoni sabiħa hija wkoll xhieda tal-patrunaġġ irfinut li l-knisja gawdiet dejjem matul iż-żmien. Dawn il-persuni li għanew lill-knisja bl-oġġetti imprezzabbli ta' arti dejjem ġew minn strati differenti tas-soċjetà; minn membri ta' l-Ordni għal oħrajn ekkleżjastiċi, kif ukoll persuni oħrajn mill-klassijiet l-oħra. Huma dejjem għażlu l-aqwa artisti li kellna fostna, bħal ngħidu aħna Filippino Dingli, Mattia Preti, Giuseppe d'Arena, Stefano u ibnu Alessio Erardi, Gio Nicola Buhagiar, Francesco V. Zahra, Carlo Ignatio Cortis, Giuseppe Calì, u Gian Battista Conti, fost oħrajn. Ix-xogħlijiet ta' l-istatwarji ewlenija bħal Pietro Paolo Azzopardi, Alessando Farrugia, u Sigismondo Dimech, jagħmlu tajjeb biex ikomplu l-kullana ta' biċċiet ta' arti li l-knisja tgawdi.

Nispera li t-teżi tkompli titfa' aktar dawl u tħajjar aktar nies japprezzaw dawn il-biċċiet ta' l-arti li flimkien jagħmlu lil San Ġorġ dan il-ġojjell uniku ta' knisja.

## Insellmu lil...

- Antoinette Frendo PEP, ko-fundatriċi u l-ewwel presidenta tal-*Ladies Society* tal-Bażilika, li mietet nhar is-Sibt 23 ta' Ġunju 2012, fl-età ta' 86 sena.
- Mons. George Bezzina, membru tal-Kapitlu Ġorġjan u eks-Kappillan tal-Fontana, li miet nhar il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012, fl-età ta' 56 sena.
- Patri George Aquilina OFM, iben il-parroċċa Ġorġjana ta' Ħal Qormi, studjuż ta' l-istorja, ħabib kbir tal-Bażilika ta' San Ġorġ, li miet nhar is-Sibt 29 ta' Settembru 2012, fl-età ta' 72 sena.
- Ġużeppi Farrugia, membru tal-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* u Ġorġjan ferventi, li miet fit-18 ta' Diċembru 2012, fl-età ta' 70 sena.

**ERRATA CORRIGE**

Fil-ħarġa li għaddiet ippubblikajna r-ritratt li jidher hawn. Fit-tagħrifa li dehret taħtu bi żvista nkiteb li s-"sopra-relikwarju" ġie rregalat mis-Sur George Grech. Fil-fatt is-Sur Grech kien li ħa l-inizjattiva biex issir din il-biċċa xogħol, u ħallas għad-disinn tagħha li, kif għedna, sar mis-Sur Ġużeppi Sagona. Is-"sopra-relikwarju" ġie maħdum u rregalat lill-Bażilika mis-Sur George J. Cassar. Sentejn ilu Cassar kien ħadem u rregala lill-Bażilika l-istola li jidher liebes Mons. Arċipriet Pawlu Cardona, fuq disinn ta' Andrew Bugeja.



# Il-Qaddis li ssielet mad-Dragun

## *L-ewwel ktieb għat-tfal bil-Malti dwar San Ġorġ*




F'Lulju li għadda, il-*Klabb Kotba Maltin* u l-Bażilika ta' San Ġorġ ippubblikaw l-ewwel ktieb għat-tfal bil-Malti dwar il-ħajja ta' San Ġorġ, qaddis martri tat-tielet seklu li l-istorja tiegħu hi waħda mill-iżjed popolari fid-devozzjoni Nisranija u anki lil hinn minnha.

Ġorġi Anici, tribun fl-armata Rumana ta' Djoklezjanu, safa vittma tal-Persekuzzjoni l-Kbira fis-sena 303 WK, u ngħata l-martirju tal-qtugħ ir-ras, aktarx fil-belt tan-Nikomedija, fit-Turkija tal-lum. Skond l-istoriku Ewsebju ta' Ċesarija, li kiteb l-Istorja tal-Knisja ta' dak iż-żmien, uffiċjal prominenti f'dik il-belt imperjali – li bosta studjużi jaffermaw li kien in-nobbli Ġorġi ta' Lidda – ċarrat bla biża' u b'sinjal ta' diżapprovazzjoni l-editt li l-Imperatur kien ħareġ kontra l-Insara. Ħafna Nsara oħra segwew l-eżempju tiegħu, baqgħu sħaħ fil-fidi u ħadu l-martirju.

L-istorja ta' San Ġorġ ilha popolari fost l-Insara sa minn wara l-martirju tiegħu, meta beda jixtered b'mod impressjonanti l-kult tiegħu, l-ewwel fl-artijiet tal-Lvant u mbagħad fl-Ewropa kollha. Il-leġġenda li tirrakkonta kif is-suldat qalbieni, riekeb fuq iż-żiemel bajdani tiegħu, qered dragun tal-biża' u ħeles lill-prinċipessa minn ħalq il-mewt, hi rappreżentazzjoni simbolika tar-rebħa tat-tajjeb fuq il-ħażin li kemm fin-narrattiva popolari u kemm fl-arti baqgħet dejjem sinonima mal-figura ta' San Ġorġ.

Il-pubblikazzjoni ġdida, li ġġib l-isem *Il-Qaddis li ssielet mad-Dragun*, oriġinarjament miktuba bl-Ingliż minn Cornelia M. Bilinsky, tivviżwalizza b'mod mill-isbaħ it-tifsira profonda li hemm mistura taħt din l-istorja, b'lingwaġġ sempliċi li jinftiehem mit-tfal u bl-għajnuna ta' għadd ta' illustrazzjonijiet attraenti ta' Theresa Brandon imxerrda fi 28 paġna u qoxra sabiħa tal-kulur. Il-ktieb ġie maqlub fl-ilsienna minn Francesco Pio Attard u mitbugħ b'mod tassew preżentabbli għand *Gutenberg Press*, bil-permess ġentili tas-Sorijiet Pawlini ta' Boston, fl-Istati Uniti, li għandhom id-dar editriċi *Pauline Kids*.

Għalkemm prinċipalment immirat għat-tfal u d-devoti ta' San Ġorġ, dan il-ktieb jiswa wkoll għal dawk il-qarrejja kollha li jixtiequ jiffamiljarizzaw iżjed ruħhom ma' l-istorja ta' wieħed mill-aktar qaddisin popolari tal-Knisja. Hu inizjattiva sabiħa għas-Sena tal-Fidi mxandra mill-Papa f'Ottubru li għadda, billi ilu jinħass il-bżonn li jkollna iżjed kotba bil-Malti b'rakkonti għat-tfal dwar il-ħajjiet tal-qaddisin, li huma eżempji sbieħ ta' fidi.

Jinxtara għall-prezz ta' €6 mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Bażilika, mill-*Klabb Kotba Maltin* u mill-ħwienet tal-kotba ewlenin f'Malta u Għawdex.

# Mons. Ġużeppi Gauci maħtur direttur spiritwali tal-*Chorus Urbanus*

## Il-Kunċert tal-Milied 2012

Il-*Chorus Urbanus* żamm l-appuntament tiegħu għal żmien il-Milied meta ppreżenta l-ħmistax-il edizzjoni ta' *Il-Kunċert tal-Milied*, nhar il-Ħadd 16 ta' Diċembru 2012, quddiem udjenza numeruża li mliet il-Bażilika ta' San Ġorġ. Il-Kor, flimkien ma' l-*Urbanus Festive Orchestra*, kien taħt id-direzzjoni mużikali ta' Dr John Galea, surmast direttur tiegħu.

Fil-bidu tal-kunċert ġie mħabbar li Mons. Ġużeppi Gauci kien ġie magħżul bħala d-direttur spiritwali ġdid tal-Kor, u dan biex jimla l-vojt li ħalla l-mibki Mons. George Bezzina, li mar jiltaqa' mal-Ħallieq ftit xhur qabel. Waqt li Mons. Bezzina kien wieħed mill-ewwel membri-fundaturi tal-Kor, Mons. Gauci kien il-moħħ wara t-twelid tiegħu lura fil-Milied ta' l-1975.



Din is-sena l-*highlight* tal-kunċert kienet l-eżekuzzjoni tal-*Coronation Mass k317I* ta' Wolfgang Amadeus Mozart, bil-parteċipazzjoni tas-solisti Yvonne Galea (sopran), Claire Massa (mezzo sopran), Charles Vincenti (tenur) u Noel Galea (baxx) flimkien mal-*Chorus Urbanus*. It-tieni parti tal-kunċert kienet iddedikata kollha kemm hi għal għanjiet popolari u tradizzjonali tal-Milied. Is-sorpriża tas-serata kien it-tfajjel Charles Buttigieg li ddebutta bħala solista billi kanta *White Christmas*. Charles, li għandu tlettax-il sena, għadu kemm rebaħ il-*President's Award for Creativity* u ngħata *scholarship* biex ikompli jistudja l-vuċi.

F'nofs il-kunċert saret ġabra b'riżq il-Fondazzjoni Arka.

Qaddisin "Ġorġjani"
RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA J MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU
38



Antoine Vassallo

# Il-Beatu Ġwanni Morosini

## (tifkira liturġika fil-5 ta' Frar)

Minn din il-familja nobbli Venezjana, iżda b'għeruq Ungeriżi, ħarġu bosta persuni prominenti: kardinali, ġenerali, statisti u doġi. Dwar dan Ġwanni ftit hu magħruf fiċ-ċert: nafu li miet fil-5 ta' Frar 1012, u allura għandu din id-data fil-kalendarju liturġiku. Nafu li kien ifittex il-penitenza, u ma warrabx mix-xogħol tqil tar-raba'. Jissemma fi grupp – fosthom San Romwaldu u l-Beatu Ġwanni Gradenigo – li, wara l-irvell fis-sena 976 kontra Pietro Candiano IV, ħarbu minn Venezja lejn monasteru fil-Pirinej, il-lum l-Abbazija Benedittina ta' Saint-Michel-de-Cuxa, jew Sant Miquel de Cuixà, magħduda ta' valur kulturali sostanzjali fuq il-Mixja tal-Pellegrinaġġ lejn Campostela (tagħmel mar-raħal Franċiż ta' Codalet).

Fil-fatt Ġwanni baqa' jissemma l-iktar minħabba li waqqaf fis-sena 982 il-Monasteru Benedittin fuq il-gżira magħrufa bħala San Giorgio Maggiore, faċċata ta' Pjazza San Mark fil-laguna ta' Venezja. Hemm insibu l-lum is-sede tal-*Fondazione Cini*, li għandha għanijiet kulturali, u, prinċipalment, il-Bażilika maestuża ta' Andrea Palladio. Pittura li turi din l-opra ta' dan l-arkitett mill-iprem tas-seklu sittax (*"Saint-Georges majeur au crépuscule"* – esposta fil-Mużew ta' Cardiff li tawhielu l-aħwa Davies – ta' Claude Monet, li ddeskriva x-xena bħala "inżul ix-xemx uniku") kienet is-suġġett ta' film b'Pierce Brosnan li ntlaqa' tajjeb fl-1999.

Oriġinarjament il-gżira kienet tissejjaħ Memmia, mill-kunjom tal-proprjetarji, il-Familja Memmo. Wieħed minnhom, li kien id-Doġi, taha lil Patri Ġwanni, x'aktarx bħala riżultat ta' wegħda. Anki fi sforz biex jipprova jelimina kwistjonijiet u firdiet, dan mill-ewwel stinka biex nixxef firxa art niedja u mgħarrqa ħalli jibni manasteru maġenb knisja ċkejkna ta' tmiem is-seklu tmienja ddedikata lil San Ġorġ – devozzjoni li wasslet għall-aġġettiv *maggiore* biex tingħaraf minn gżira oħra lagunari, San Giorgio in Alga, biex niftiehmu, ta' San Lawrenz Ġustinjani.

Fost il-ftit dati żguri f'dawn il-ġrajjiet hemm dik ta' l-20 ta' Diċembru 982: fil-preżenza ta' bosta xhieda, inklużi tliet isqfijiet, sar il-kuntratt ta' l-għotja ta' din il-knisja, flimkien mad-dokumenti, dwieli u ġid ieħor. B'kumbinazzjoni (?), dan id-Doġi Memmo iktar tard daħal monaku wkoll biex għadda l-aħħar żmien ta' ħajtu hemm, wara li l-poplu qam u keċċieh! Bħala l-ewwel Abbati ta' din il-komunità ġdida Benedittina, Ġwanni għallem u fforma diversi, fosthom lil dak li telaq biex jikkonverti lill-poplu Maġjar: San Ġerardu Sagredo (ara Nru 35 f'din is-sensiela).

Tant akkwista donazzjonijiet matul is-snin, li dan il-Monasteru ta' San Giorgio Maggiore sar wieħed mill-aqwa ċentri Ewropej, mhux biss fil-qasam teoloġiku – b'rabtiet mill-qrib mal-Universitajiet ta' Firenze u Padova – iżda anki f'dak li għandu x'jaqsam mal-kultura u l-arti. Biżżejjed insemmi li hemm iltaqgħu l-Papa Alessandru III u Barbarossa; hemm mar għall-eżilju Cosimo de' Medici, u żiedlu bibljoteka; hemm riedu jindifnu iktar minn persunaġġ wieħed. Fis-sekli ta' wara komplew juru ħilithom bosta artisti, fosthom appuntu Palladio, Baldassarre Longhena, Vittore Carpaccio u Paolo Veronese.

B'xorti ħażina, mal-waqgħa tar-Repubblika Venezjana fi tmiem is-seklu tmintax, il-Monasteru beda jinsteraq, ibda minn Napuljun li ħa miegħu diversi opri kbar. Xorta kien għadu magħdud bħala post mill-aqwa: minħabba li l-eżerċtu Franċiż kien qed jokkupa Ruma, hawn – taħt San Ġorġ joqtol lid-dragun, tila ta' iktar minn erba' metri kwadri ta' Carpaccio li tinsab fil-*Coro notturno* – sar il-Konklavi li eleġġa lill-Benedittin Gregorio Chiaramonti bħala Piju VII fl-1800; u l-Bażilika Ġorġjana ospitat l-Inkurunazzjoni. Iżda l-liġijiet Napoleoniċi ssoprimew il-Monasteru ftit wara, li tilef l-użu "reliġjuż" tiegħu: baqgħu biss ftit patrijiet biex jieħdu ħsieb il-Bażilka, u joffru għasel mill-ibnen!

Il-"qawmien" beda ma' nofs is-seklu għoxrin, meta l-Gvern Taljan biegħ parti kbira mill-inħawi lil Vittorio Cini. Dan il-Konti allura waqqaf il-*Fondazione Giorgio Cini*, b'tifkira ta' ibnu, bi skop speċifiku tar-restawr tal-gżira biex fiha jkunu jistgħu jiġu organizzati attivitajiet ta' livell internazzjonali, inklużi kungressi; għalhekk l-istatut iħeġġeġ għall-ħolqien u tisħiħ ta' istituzzjonijiet edukattivi u soċjali. Il-monasteru fil-fatt ospita konferenza importanti fil-bidu tal-mixja lejn l-Unjoni Ewropea fl-1956.



Il-Bażilika ta' San Giorgio Maggiore u maġenbha l-Monasteru Benedittin, mibni mill-Beatu Morosini fis-seklu għaxra, il-lum is-sede tal-*Fondazione Cini*.

Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd | 18
LEJN TWETTIQ TA' ħOLMA

*Antoine Vassallo*

# Posponiment

Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien, iktar bdejna nikkonvinċu ruħna li m'hux se jkun possibbli li nilħqu l-mira li kellna għall-ftuħ tal-mużew. Diversi drabi semmejt li xtaqna nifthu f'Ottubru 2012, iżda ħassejna li ma jaqbilx ngħaġġlu biex "tgħaddi tagħna": l-essenzjal jibqa' dejjem li l-affarijiet isiru sew. Allura ddiskutejna mal-PPCD, l-Awtorità Maniġerjali tal-Fondi Ewropej, talba biex nipposponu; u laqgħu l-ispjega tagħna. Iżda dan bl-ebda mod ma fisser li qgħadna nħarsu! Fil-fatt matul l-aħħar erba' xhur tas-sena kellna ħafna ħidma essenzjali.

Nibda billi nsemmi sforzi ta' *fundraising*, kemm l-iskema *€150 agħmilhom ELF* u kemm attivitajiet speċifiċi. Minn dawn jintlaqgħu tajjeb ferm l-ikliet: grazzi għal dawk kollha li jieħdu sehem, kwalità garantita u bla periklu li tibqa' bil-ġuħ! Dwar l-iskema prinċipali tagħna, m'humiex ftit dawk li laqgħu l-istedina li jsiru membri għal għomorhom tal-Fondazzjoni Belt Victoria, b'diversi benefiċċji, speċjalment il-jedd li tidħol dejjem b'xejn. Issa għandna numru mdaqqas ta' membri, anki minn Malta u lil hinn minnha! Niftakru li fost dawn hemm l-Arċisqof Caputo, ragħaj tad-Djoċesi ta' Pompei, minn meta kien in-Nunzju fostna. Qegħdin ħafna, iżda żgur għad hemm min jista' u għandu jilqa' din l-opportunità li jkollok is-sodisfazzjon ta' sehem qawwi f'din l-inizjattiva! Inżid li hemm min mank kien kuntent b'€150: ta somma iktar, ta iktar minn darba jew inkluda membri oħra tal-familja. Grazzi lil dawn, u lil kulħadd.

Kull għajnuna finanzjarja tista' tingħata lili jew lill-Kordinatur Mons. Ġużeppi Farrugia, jew permezz ta' ċekk bil-posta lill-Fondazzjoni Belt Victoria, Dar Leħen il-Belt Victoria (It-Tieni Sular), Pjazza San Ġorġ, il-Belt Victoria. Iżda l-eħfef mod "modern" hu b'depożitu jew trasferiment f'xi wieħed minn dawn il-kontijiet bankarji: **20000866897 (APS), 40018670408 (BOV), 071227912001 (HSBC)**, u **0117460034501 (Lombard)**. U hemm ukoll modi oħra ta' għajnuna!

Fiex qed imorru dawn il-flus? Anki jekk hemm ċerti kontijiet li jkollna nħallsuhom sħaħ, il-ftehim għall-Fondi tal-Iżvilupp Reġjonali Ewropew jipprovdi li ħafna mill-ispejjeż jitħallsu direttament mit-Teżor, wara li nkunu bgħatna s-sehem tagħna ta' 15%.

F'dan il-perjodu partikulari waslu, twaħħlu u tħallsu l-aperturi: twieqi u bibien interni u għat-triq li impressjonaw lil kull min rahom għall-kwalità u d-dehra tagħhom. Dan hu dak li immirajna u għadna nimmiraw għalih dejjem fid-deċiżjonijiet li nieħdu.

Fost xogħol ieħor li miexi nsemmi l-istallazzjoni ta' sistema qawwija fotovoltajka fuq il-bejt. Barra li tnaqqsilna l-konsum – u allura l-kontijiet – ta' l-elettriku, inkunu qegħdin nagħtu sehemna favur l-ambjent. Fil-fatt dan hu biss aspett wieħed mill-attenzjoni "ekoloġika" tagħna.

Sar ukoll ħafna maqdut mal-aspett awdjoviżiv, u mhux limitat għall-erba' kmamar "speċjalizzati". Barra li hawn ġiet ippjanata sistema li tippermetti lill-viżitaturi li jsegwu għażla ta' xeni u ritratti, kif ukoll mużika, vuċijiet u "ħsejjes" oħra, x'ħin ikunu jduru fis-swali jkollhom l-opportunità li jirċievu iktar informazzjoni dwar esibiti li jinteressawhom b'mod partikulari.

Bdejna naħsbu wkoll għall-*marketing*, jiġifieri riklamar u mezzi oħra kif in-nies issir taf b'din il-preżenza ġdida fil-qasam kulturali ta' gżiritna; anzi s-sejħa tagħna trid tmur iktar 'il bogħod. Għax, bla ftaħir żejjed, inħossu li l-prodott tagħna għandu biex jiġbed anki lill-barrani li saħansitra ma jaf xejn dwarna!

Allura bdejna billi tlabna kwotazzjonijiet minn ditti speċjalizzati, u waħda minnhom 'ikkuntentat" bi prezz li nħossuh raġunevoli. Anzi, mhux biss għoġbitna s-somma: ħadna gost sew bil-pjan li pproponew, b'firxa ta' metodi differenti, inklużi – iżda mhux ristretti għal – medja "tradizzjonali".



Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

Ngħarrafkom ukoll li, wara li ddiskutejtha ma' Mons. Isqof, applikajna u rreġistrajna mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'pajjiżna. Allura issa l-Fondazzjoni Belt Victoria hi rikonoxxuta formalment li tagħmel parti mis-settur tal-Kultura, l-Arti u l-Wirt Nazzjonali, bin-numru VO/0762. Dan, sintendi, barra li diġà konna involuti dwar hekk fil-*Meusac*.

Nagħlaq għal-lum billi navża li, barra l-programm nhar ta' Tlieta fuq *Leħen il-Belt Victoria* u s-sit ta' l-internet ta' San Ġorġ, issa tistgħu taġġornaw ruħkom billi tmorru fuq www.heartofgozo.org.mt.







# KONFIRMAZZJONI U PREĊETT 2012

## IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF

**Il-Ħadd 29 ta' April 2012**

Ġużeppi Attard, Maria Attard, Janet Azzopardi, Maronia Azzopardi, Marvic Bajada, Ally Borg, Sasha Buttigieg, Caoimhe Camilleri, Joanna Camilleri, Charlon Cauchi, Justin Cauchi, Katrina Cini, Yanica Cini, Koli Cordina, Jean Cremona, Frank Ellis, Fabrizio Farrugia, Sienna Fenech, Emma Galea, Laura Galea, Riccardo Gatt Ellis, Claire Marie Gauci, Chloe Grech, Oliver Grech, Sabrina Grech, Katya Livori, Samuel Rapa, Christopher Sacco, Thomas Sciberras, Hannah Scicluna, Kristov Scicluna, Joshua Spiteri, Matthew Spiteri, Elena Tabone, Eric Vella, Ġorġ Vella, Matthew Xerri, Nicole Xuereb, Maria Zammit, Therese Zammit.

## L-EWWEL TQARBINA

**Il-Ħadd 6 ta' Mejju 2012**

Kyle Amato, Gabriel Attard, Glenn Paul Attard, Joseph Attard, Julia Attard, Christiana Axiaq, Lenny Borg, Jonathan Camilleri, Luana Camilleri, Kirsten George Cassar, Matthew Cini, David Farrugia, Diana Farrugia, Sasha Farrugia, Mattias Paul Mercieca, Alessandro Mizzi, Andrew Portelli, Simona Refalo, Marija Vella, Sherona Vella, Julia Xiberras, Clarice Zammit.

**Ritratti**: Mario Saliba, George Scerri



# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Lulju - Novembru 2012

*Andrew Formosa*
andrew.formosa@gmail.com

**» 1 ta' Lulju**

**11.00am:** Mons. Emanuel Curmi, direttur ta' Dar Arka, mexxa Quddiesa Kantata li fiha ħadu sehem il-persuni b'diżabbiltà residenti fid-Dar. Wara, saritilhom ikla fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 6 ta' Lulju**

**10.30am:** Is-saċerdot novell Dun Daniel Grech mexxa Quddiesa għall-anzjani u -morda tal-parroċċa, fejn ġie amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Wara sar *Get-Together* fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 8 ta' Lulju**

**11.00am:** Il-Kan. Ġwann Gauci mexxa Konċelebrazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju presbiterali tiegħu. Ippriedka l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona.

**06.00pm:** Ġiet fi tmiemha n-Novena ta' San Ġorġ, fejn fi tmiem l-aħħar episodju wara l-Quddiesa ddaħħlet fil-Bażilika l-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ. Wara sar *party* kbir fi Pjazza San Ġorġ.

**» 9 ta' Lulju**

**08.00pm:** Ġie fi tmiemu l-*Victoria International Arts Festival* b'Kunċert Sinfoniku u Korali bis-sehem ta' l-Orkestra Nazzjonali u l-Kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella.

**» 10 ta' Lulju**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-Kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla.

**08.00pm:** Sar il-ħruġ min-niċċa ta' l-istatwa ta' San Ġorġ.

**09.15pm:** Patri Mark Demanuele MSSP mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana, organizzata għażżgħażagħ tal-parroċċa mill-Grupp *23four>>*. It-tema kienet: *"Ġorġi tagħna, min qatt bħalek! Stilla tiddi kollha dija"... Il-lum intom id-dawl tad-dinja.*

**» 11-13 ta' Lulju**

**06.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar tat-tlitt ijiem tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, ippreseduti mill-Kan. Joseph. A. Borg, Mons. Feliċ Tabone, vigarju parrokkjali, u Mons. Alfred Xuereb, rispettivament. L-omeliji tat-Tridu saru minn Dun Richard N. Farrugia. Wara t-talba tal-Kurunella, iċ-Ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi tmexxew mill-Kan. Giovanni Bosco Cremona, il-Kan. Emanuel Buttigieg u l-Kan. George DeBrincat rispettivament. Fil-jiem tat-Tridu, il-kor u l-orkestra kienu taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella*. Il-kant sar mill-Kor *Laudate Pueri* u l-i*Schola Cantorum Gregoriana* tal-Bażilika.

**» 12-13 ta' Lulju**

**09.00am:** Il-Konċelebrazzjonijiet Solenni ta' l-ewwel u t-tieni jum tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, tmexxew minn Mons. Carmelo Scicluna, Teżorier, u Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, rispettivament.

**» 12 ta' Lulju**

**12.30pm:** Il-Kor Ingliż *Sherborne Girls Choir*, taħt id-direzzjoni ta' John Jenkins, anima l-Quddiesa ta' 12.00pm u wara ta kunċert ta' nofs siegħa fil-Bażilika.

**» 14 ta' Lulju**

**10.00am:** L-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu ta' Malta, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, f'għeluq it-Tridu Mqaddes, bil-kant solenni tat-*Te Deum*.

**06.30pm:** Wara li ġie akkumpanjat mill-Kapitlu Ġorġjan u l-Banda Ċittadina *La Stella* mill-Kurja Veskovili lejn il-Bażilika, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mexxa t-Translazzjoni u l-Ewwel Għasar Pontifikali. Ħadet sehem ukoll delegazzjoni ta' l-Ordni Sagru, Militari u Kostantinjan ta' San Ġorġ.

**07.45pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

**» 15 ta' Lulju**

**08.00am:** Il-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan akkumpanjaw lill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mill-Palazz Veskovili fi Triq ir-Repubblika sal-Bażilika Ġorġjana, fejn sar il-kant tat-Terza fis-Sagristija Maġġuri.

**08.30am:** L-Isqof Grech, assistit minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali, mill-Kapitlu Lateranensi u l-kleru tal-Bażilika, u membri tal-kleru sekulari u reliġjuż, mexxa l-Pontifikal tal-Festa, li fih niseġ ukoll l-omelija. Is-Sur Anton Tabone, Aġent President ta' Malta, u Dr Lawrence Gonzi, Prim Ministru, kienu fost il-mistiedna distinti.

**05.00pm:** Mons. Ġużeppi Attard, Arċipriet tal-Katidral, mexxa l-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa ċ-ċelebrazzjoni solenni tat-Tieni Għasar tas-solennità, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.

**07.30pm:** Wara li l-Banda Ċittadina *La Stella* laqgħet il-ħruġ tal-Purċissjoni Pontifikali bl-istatwa ta' San Ġorġ, hi akkumpanjat l-istess purċissjon, immexxija minn Mons. Ġużeppi Gauci, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, is-seminaristi tad-djoċesi u l-fratellanzi tal-Bażilika. Il-purċissjoni kienet imxandra mill-istazzjon televiżiv *NET TV* fuq il-programm *Forċina*.

**10.30pm:** L-Arcipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-aħħar ċelebrazzjoni tal-Festa, li kienet tinkludi l-kant ta' l-Antifona u l-Barka Ewkaristika. Wara, l-Arċipriet għamel ir-ringrazzjamenti dovut lil dawk kollha li għenu fl-organizzazzjoni tal-Festa.

**» 25 ta' Lulju**

**06.00pm:** Dun Daniel Grech mexxa Quddiesa għall-Grupp ta' l-Adolexxenti tal-parroċċa fil-Kappella tal-Kunċizzjoni

fil-Qala. Wara kien hemm ħin għall-għawm fil-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien u barbikju li għalih ġew mistiedna wkoll is-saċerdoti li matul is-sena taw sehemhom fil-laqgħat li saru għall-grupp.

**» 3-9 ta' Awwissu**

L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-Pellegrinaġġ Parrokkjali lejn Lourdes.

**» 6 ta' Awwissu**

**09.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-solennità Lateranensi tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.

**» 9-23 ta' Awwissu**

L-abbati tal-parroċċa Samuel Aquilina għamel esperjenza ta' servizz liturġiku fil-Bażilika tal-Vatikan flimkien ma' abbatini oħra Maltin u Għawdxin, li kienu akkumpanjati minn Dun Frans Bonnici, Dun Mark Ellul u s-seminarista Għawdxi Daniel J. Sultana. Meta kien f'Ruma, Samuel iltaqa' wkoll ma' l-Arċipriet Cardona.

**» 10 ta' Awwissu**

**07.30pm:** Inżamm barbikju fuq il-bejt tad-Dar Parrokkjali b'ringrazzjament lil dawk kollha li taw sehemhom fin-Novena ta' San Ġorġ.

**» 12 ta' Awwissu**

**11.00am:** Dun Daniel Grech, saċerdot ġdid tad-Djoċesi Għawdxija li fil-passat wettaq ħidma pastorali fil-parroċċa tagħna bħala seminarista iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika. Kanta l-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*.

**» 31 ta' Awwissu**

**08.00pm:** Bħala parti mill-attivitajiet tas-Sajf għall-Grupp ta' l-Adolexxenti tal-parroċċa, dawn inġabru ħdejn il-kappella tal-Kunċizzjoni tal-Blat fil-Qala fejn talbu l-Għasar flimkien, u wara kellhom ukoll ħin għall-għawm u ikla flimkien f'Ħondoq ir-Rummien.

**» 6 ta' Settembru**

**06.00pm:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla fl-okkażjoni ta' l-54 anniversarju mill-għoti tat-titlu ta' Bażilika lill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.

**» 13 ta' Settembru**

Tħabbret il-mewt ta' Mons. George Bezzina, membru tal-Kapitlu Ġorġjan, li seħħet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

**» 14 ta' Settembru**

Saret ħarġa għal Malta għall-Grupp ta' l-Adolexxenti, li kienet tinkludi waqfa għal -Quddiesa u ħin għax-xiri, ikel u dawrien f'diversi lokalitajiet.

**06.30pm:** Il-Kapitlu Ġorġjan kanta l-Għasar fil-Kappella tas-Santissmu Sagrament, fl-okkażjoni tal-festa parrokkjali ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes.

**07.00pm:** Saret Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-festa parrokkjali ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib.

**» 18 ta' Settembru**

**12.00pm:** Il-ġisem mejjet ta' Mons. George Bezzina ġie meħud fil-knisja parrokkjali tal-Fontana, fejn kien Kappillan għal bosta snin, għal ċelebrazzjoni ta' talb.

**02.30pm:** Il-fdalijiet ta' Mons. Bezzina ġew trasferiti għall-knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza, fejn kien Rettur fl-aħħar xhur.

**04.15pm:** Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata Ġorġjana telaq mill-Bażilika ta' San Ġorġ lejn il-knisja ta' San Ġakbu fejn sar il-kant solenni ta' l-Għasar tal-Mejtin, ippresedut mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona.

**04.45pm:** Telaq mill-knisja ta' San Ġakbu l-korteo funebri bil-fdalijiet ta' Mons. George Bezzina lejn il-Bażilika, akkumpanjat mill-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan, u mill-membri tal-Fratellanza tad-Duluri tal-knisja ta' San Ġakbu.

**05.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Konċelebrazzjoni *præsente cadavere* b'suffraġju ta' Mons. George Bezzina, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan u bosta saċerdoti oħra. Il-Quddiesa ġiet animata mill-*Chorus Urbanus*. Id-difna wara saret fiċ-Ċimiterju ta' San Ġwann Battista, fix-Xewkija.

**» 20 ta' Settembru**

**06.30pm:** Il-Kapitlu Ġorġjan iċċelebra l-Ewwel Għasar Solenni fis-solennità tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika Ġorġjana.

**» 21 ta' Settembru**

**09.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-solennità tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika Ġorġjana.

**06.30pm:** Il-Kapitlu Ġorġjan iċċelebra t-Tieni Għasar Solenni fis-solennità tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika Ġorġjana.

**» 26-28 ta' Settembru**

**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, mexxa t-tlitt ijiem ta' Tridu bi tħejjija għall-festa parrokkjali ta' San Mikiel Arkanġlu.

**» 27 ta' Settembru**

**07.00pm:** Mons. Anton Borg, Vigarju Parrokkjali, mexxa Quddiesa f'għeluq il-ħames anniversarju mill-mewt ta' l-Arċipriet Mons. Salv Borg, li serviet ukoll bħala l-ftuħ tas-sena pastorali għall-Grupp ta l-Adolexxenti. Dan wara sejħa li saret lill-istudenti ta' Forms 2 u 3 tal-parroċċa biex jitwaqqaf grupp ġdid flimkien ma' dak diġà eżistenti. Wara l-Quddiesa, kien hemm *drinks* għall-adolexxenti u l-ġenituri tagħhom fuq il-bejt tad-Dar Parrokkjali.

**Fil-għaxija:** Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* ħa sehem fil-festa tal-Bambin ta' Praga, organizzata mill-Ordni Sovran ta' Malta fil-knisja tal-Vitorja, il-Belt Valletta.

**» 29 ta' Settembru**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-festa parrokkjali ta' San Mikiel Arkanġlu. Għall-okkażjoni, l-istatwa tal-qaddis inħarġet għall-qima fil-Bażilika.

**» 30 ta' Settembru**

**09.45am:** Inżammet l-ewwel laqgħa fil-Kors ta' Tħejjija għaż-Żwieġ għall-għarajjes ta -parroċċa, immexxi minn Dun Anton Teuma megħjun minn koppji animaturi mill-parroċċa. Dawn il-laqgħat bdew isiru kull ħmistax fis-Sala Parrokkjali.

**» 2 ta' Ottubru**

Tħabbar li l-Kan. On. Giovanni Bosco Cremona ġie maħtur mill-Isqof bħala Monsinjur Koadjutur ta' Mons. Anton Gauci, Dekan tal-Kapitlu Katidrali ta' Għawdex.

**» 10-12 ta' Ottubru**

**06.00pm:** Patri Joe Xerri OFMCONV, Gwardjan tal-komunità Franġiskana Konventwali tal-Belt Victoria, mexxa t-tlitt ijiem tat-Tridu bi tħejjija għall-festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima.

**» 13 ta' Ottubru**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa

Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, bħala ftuħ uffiċjali tas-Sena Pastorali 2012-2013 kif ukoll tas-Sena tal-Fidi fil-parroċċa tagħna, li fiha ta l-mandat lill-katekisti taċ-ċentri tad-duttrina u lil dawk il-lajċi impenjati fil-formazzjoni Nisranija tad-diversi gruppi tal-parroċċa. Fiha hu ppreżenta wkoll lis-seminarista Mario Curmi, mill-parroċċa tax-Xagħra, li ġie assenjat għal ħidma pastorali fil-parroċċa tagħna matul din is-sena pastorali. Għal din il-Quddiesa attendew għadd sabiħ ta' tfal u ġenituri mill-parroċċa. Din kienet ukoll il-Quddiesa tal-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Fatima; il-purċissjoni *aux flambeaux* tħassret minħabba l-maltemp.

**» 18 ta' Ottubru**

**04.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa ta' katakeżi tal-Ħamis għat-tfal tal-parroċċa bi tħejjija għall-Ewwel Tqarbina, fiċ-Ċentru Parrokkjali. It-tfal inqasmu f'żewġ gruppi, wieħed ma' Rose Cefai u l-ieħor ma' Lorna Tabone, li din is-sena huma l-katekisti responsabbli.

**05.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa ta' katekeżi tal-Ħamis għall-kandidati tas-Sagrament tal-Konfirmazzjoni, fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-katekisti responsabbli din is-sena huma Francesco Pio Attard, Miriam Portelli u Marvic Refalo. Il-katekista Miriam Portelli bdiet tmexxi wkoll laqgħat regolari ta' xi darba fix-xahar għall-ġenituri, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**» 20 ta' Ottubru**

**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-koppji miżżewġa żgħar tal-parroċċa fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*. Din hi inizjattiva ġdida fil-parroċċa u l-laqgħa tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona bl-għajnuna ta' koppji animaturi.

**08.00pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Grupp ġdid ta' l-Adolexxenti Żgħar tal-parroċċa, li jiġbor fih studenti ta' Forms 2 u 3, fid-Dar Parrokkjali. Bi qbil mas-seminarista Mario Curmi, li hu responsabbli mill-Grupp flimkien ma' l-animaturi, dawn il-laqgħat bdew isiru kull ħmistax.

**» 21 ta' Ottubru**

**10.00am:** Reġgħet bdiet il-Quddiesa għat-Tfal u l-Familja kollha, li minn din is-sena qed tkun animata mill-Grupp ġdid tal-Kitarri tal-parroċċa, immexxi minn Monica M. Parnis.

**» 26 ta' Ottubru**

**08.00pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' l-Adolexxenti Kbar, li jiġbor fih studenti minn Form 4 'il fuq , fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*. Din il-laqgħa tmexxiet mill-Kan. George J. Frendo.

**» 1 ta' Novembru**

**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-solennità tal-Qaddisin Kollha. Fl-okkażjoni ta' din il-festa, fuq mejda fuq il-presbiterju tqiegħdu għall-qima diversi relikwi mqaddsa li għandha l-Bażilika.

**» 2 ta' Novembru**

**06.00pm:** Fit-Tifkira Solenni ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, b'suffraġju tal-mejtin kollha, li fi tmiemha bierek l-oqbra li hemm taħt il-paviment tal-Bażilika.

**» 3 ta' Novembru**

**10.00am**: Bħala parti minn *Festival Mediterranea* organizzat mis-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, il-Prof. Victor Mallia Milanes ta taħdita bit-tema *Society and the Economy on the Hospitaller Island of Malta*, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**08.00pm:** Bħala parti minn *Festival Mediterranea*, ittella' kunċert fuq il-pjanu mill-artist Ingliż Nicholas McCarthy, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**» 4 ta' Novembru**

Il-*Ladies Society* organizzat ħarġa għal Malta bi żjarat liċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq u diversi postijiet interessanti.

**» 9 ta' Novembru**

**12.30pm:** Il-kritiku ta' l-arti Mark Sagona temm fil-Bażilika ta' San Ġorġ il-vjaġġ artistiku *On the trial of Giuseppe Calì (1846-1930)* madwar diversi knejjes f'Għawdex, attività li kienet parti minn *Festival Mediterranea*.

**06.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-solennità tad-Dedikazzjoni ta' l-Arċibażilika ta' San Ġwann Lateran, li l-Bażilika ta' San Ġorġ hi aggregata magħha.

**» 10 ta' Novembru**

**08.00pm:** Bħala parti minn *Festival Mediterranea*, ittella' kunċert mil-*La Stella Brass Ensemble & Soloists*, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**» 11 ta' Novembru**

**12.30pm:** Sar il-Pranzu ta' San Martin b'riżq il-proġett tal-Mużew tal-Bażilika, fir-Refettorju tad-Dar Parrokkjali.

**8.00pm:** Il-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-parroċċa żar iċ-Ċimiterju ta' Santa Marija.

**» 16 ta' Novembru**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, b'suffraġju tal-membri u benefatturi mejtin tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*.

**» 17 ta' Novembru**

**07.00pm:** Il-Grupp tal-Adolexxenti Żgħar żar iċ-Ċimiterju tax-Xewkija fejn ġiet iċċelebrata Quddiesa fil-kappella minn Dun Geoffrey G. Attard.

**» 18 ta' Novembru**

**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-festa ta' San Klement u San Paċifiku. Għal din il-festa nħareġ għall-qima fuq il-presbiterju l-korp sant ta' San Klement, imqiegħed fuq bankun ġdid tal-kawba' u fuq pedestall li din is-sena ġie miżbugħ mill-ġdid u indurat bid-deheb, waqt li fuq l-Altar ta' Santa Katarina nħarġet l-urna bir-ras ta' San Paċifiku.

**02.00pm**: L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija b'suffraġju tal-membri mejtin tal-parroċċa, u bierek l-oqbra tal-parroċċa f'dan iċ-ċimiterju.

**04.00pm:** Il-Kan. Giovanni Bosco Cremona ħa pussess bħala Monsinjur Koadjutur tal-Katidral ta' Għawdex.

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa bis-sehem tal-membri ta' l-Azzjoni Kattolika, fl-okkażjoni tal-Ġimgħa ta' l-Azzjoni Kattolika fir-Rabat. Fil-knisja kien hemm ukoll għall-qima x-xbieha ta' Santa Gianna Beretta Molla.

**» 23 ta' Novembru**

**07.30pm:** Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* u l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali taw kunċert fl-okkażjoni ta' għeluq is-sebgħin sena tal-Professur Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-Bażilika ta' San Ġorġ, fil-Konkatidral ta' San

Komplejna ħidma oħra amministrattiva, inkluża r-relazzjoni ma' l-Awtorità Maniġerjali (id-Diviżjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-PPCD) li jitolbuna aġġornamenti kontinwi, b'mili ta' formli u kjarifikazzjonijiet dwar kif mexjin fit-twettiq skond il-ftehim magħhom. Dan hu l-"ħlas" għall-għajnuna finanzjarja! Kif tafu, jipprovdu 85% tal-biċċa l-kbira tal-kontijiet. Dan żuriħ anki l-iskema *150 agħmilhom €1,000* li tant (parruċċani u le) daħlu fiha. Hemm min għamel hekk minħabba l-benefiċċju li jakkwista sħubija sħiħa fil-Fondazzjoni u allura jkun jista' jidħol b'xejn il-mużew; iżda l-maġġoranza l-kbira jridu sempliċement jgħinu u jkollhom is-sodisfazzjon ta' sehem f'din l-"ħolma". Fil-fatt ma humiex ftit dawk li ma kkuntentawx bil-€150! L-istedina tibqa' miftuħa, u għad hawn min imissu jitħajjar. Iż-Żgħażagħ u l-Ħbieb jorganizzaw okkażjonijiet oħra ta' *fundraising*, ngħidu aħna s-suċċessuri tal-*Buffet BBQ* fil-25 ta' Mejju fi Pjazza San Ġorġ.

Nagħlaq billi nirreferi għar-rendikont dettaljat fil-Ktieb tal-Festa (b'ritratti) li tana l-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia: il-Kordinatur lest jissodisfa kull talba għal informazzjoni, u jilqa' kull għajnuna!



Poster tal-*BBQ Buffet* tal-25 ta' Mejju.

# Lill-Kbir Nobbli Ġorġi ta' Lidda

Fra Ġorġ Grech osco

Ġorġi tagħna, ġawhra Għawdxija,
qlubna mħeġġa jogħxew bik.
Inti ħlewwa, int karezza
ta' kemm ħars jitgawda fik.

Ismek poeżija inċiża ġewwa qalbna,
oħla mill-għasel l-akbar bnin;
ħarisna b'qawwet ismek,
ġewwa ħdanek imgħannqin.

Min qatt bħalek, Ġorġi tagħna,
Kewkba tiddi ġewwa qalbna?
Xrar għajnejk imdawlin fuqna,
bi sbuħitek imsaħħrin aħna!

Kampjun mill-aqwa, mudell taż-żgħażagħ,
inti l-għożża ta' tant qlub.
Min qatt qablek u min bħalek
f'din l-art tagħna tant maħbub?

Demmek, Ġorġi, ibaqbaq fina;
Prinċep tal-Martri bil-palma f'idejk.
Xempju int ta' l-akbar qdusija,
sebħ imħabbtek nar f'għajnejk.

Inti l-mimmi ta' għajnejna,
faraġ u hena ta' kulħadd.
Ġmiel u glorja t'Għawdex tagħna,
miegħek ma jħabbatha ħadd!

B'għajnejk żoroq kulur is-sema,
b'xagħrek nokkli lewn is-sbul...
O kemm qima tqanqal f'qalbna,
kemm inħarsu lejk fit-tul!

Dan hu Ġorġi: qalb ta' mħabba,
ħeġġa taqbad ta' nirien;
lilu jfaħħru Malta u Għawdex,
dawlu jinfed kullimkien.

Marbutin nibqgħu ma' qalbek,
il-Ġorġjani lkoll flimkien.
Inti l-kant ta' dawn xofftejna,
inti l-għaxqa tal-ħolqien.

Sbejjaħ Ġorġi li ta' Għawdex
int važett ta' nard ifuħ,
qalbna mħeġġa u tant kburija,
f'riġlejk qalbna tieħu r-ruħ.

Minħabba ismek Għawdex tagħna
mill-ġnus kollha kiseb ġieħ.
Ibqa' ieqaf 'l-għadu tagħna
u dal-poplu jgħix rebbieħ.

L-għajta tagħna tibqa' dejjem:
"Viva Ġorġi tagħna biss"!
Aħna wliedek, fwieħa tiegħek,
żgur li miegħek ħadd ma jmiss.



*Fra Ġorġ Grech oscc twieled il-Belt Victoria, Għawdex. Huwa l-uniku membru Malti ta' l-Ordni tal-Patrijiet Ċisterċensi Riformati ta' l-Osservanza Stretta, jew aħjar, kif inhuma magħrufa, it-Trappisti. Erbgħa u għoxrin sena ilu daħal fl-Abbazija tal-Madonna tas-Santissmu Sagrament li tinsab fi Frattocchie, qrib Ruma, l-Italja. Qabel daħal monaku, Fra Ġorġ kellu ħanut ta' l-artiġjanat f'Ta' Qali, kif ukoll għamel żmien emigrat il-Kanada. Bħala monaku Trappist, Fra Ġorġ jgħaddi l-ħajja tiegħu fis-skiet, fix-xogħol u f'talb ta' interċessjoni. Fil-ħarġiet li ġejjin, Fra Ġorġ ħa jibda jaqsam magħna xi riflessjonijiet f'kolonna ġdida bit-titlu* Fuq il-passi ta' San Ġorġ fit-triq tal-qdusija.

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Lulju - Novembru 2012



*Andrew Formosa*

andrew.formosa@gmail.com

**» 2 ta' April**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Konventwali, bis-sehem tal-kleru tal-parroċċa u l-komunità tal-patrijiet.

**07.00pm:** Sar Pellegrinaġġ Penitenzjal bl-istatwa devota tar-Redentur mill-knisja ta' San Franġisk għall-Bażilika, fejn ingħatat il-Barka Ewkaristika mill-Gwardjan Patri Joe Xerri OFMCONV.

**08.15pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella*, taħt id-direzzjoni tas-surmast tagħha l-Prof. Joseph Vella, esegwiet il-Kunċert tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Bażilika. Ħa sehem ukoll il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo

**» 3 ta' April**

**06.30pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Penitenzjali ta' l-Ewwel Qrara, fejn flimkien mat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina kien hemm preżenti l-kandidati tal-Konfirmazzjoni, il-parrini u l-ġenituri.

**08.30pm:** Il-Grupp *23four>>* organizza *L-Ikla tal-Mulej* fid-Dar Parrokkjali.

**» 4 ta' April**

**07.00pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar mill-Kapitlu fil-Bażilika.

**08.00pm:** Saret il-*Via Crucis* taħt il-presidenza ta' l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Din inżammet fil-Bażilika flok fi Pjazza San Ġorġ minħabba l-maltemp, bis-sehem ta' qarrejja minn diversi gruppi tal-parroċċa u tal-Kor *Laudate Pueri*. Il-meditazzjonijiet, imqassma fi ktejjeb, kienu dawk tal-*Via Crucis* li saret fis-26 Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Madrid.

**» 5 ta' April**

**06.30pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni ta' l-Ikla tal-Mulej, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li fiha sar il-ħasil tar-riġlejn u fi tmiem il-funzjoni saret it-Translazzjoni Solenni bis-Sagrament Imqaddes lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni, li din is-sena għall-ewwel darba ntrama fil-Kappella ta' Ġesù u Marija u mhux f'dik ta' San Ġorġ.

**08.00pm:** Il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss għamlet iż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes madwar il-belt.

**» 6 ta' April**

**08.00am:** Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ċċelebra t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u t-Talb ta' Nofs il-Jum.

**10.00am:** Il-Grupp *23four>>* organizza *Via Crucis* għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti fuq l-għolja Ta' Għammar.

**03.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-Liturġija Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li fiha saret l-Adorazzjoni tas-Salib.

**05.30pm:** Bdiet ħierġa l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, li fiha żżanżnet l-istatwa ta' Ġesù Inkurunat bix-Xewk (l-*Ecce Homo*). Ħadu sehem il-Kapitlu u l-kleru, il-Banda Ċittadina *La Stella* u l-Banda *Konti Ruġġieru* tar-Rabat ta' Malta, il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* u l-*Mosta Scout Group*.

**» 7 ta' April**

**08.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-Liturġija Solenni tal-Lejl Qaddis ta' -Għid tal-Qawmien tal-Mulej, li kienet tinkludi t-Tberik tan-Nar u t-Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija.

**» 8 ta' April**

**11.00am:** L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-Pontifikal Solenni tal-Qawmien mill-Imwiet ta' Sidna Ġesù Kristu. Wara hu qassam il-figolli lit-tfal. Id-Dimostrazzjoni ta' Kristu Rxoxt ma saritx minħabba l-maltemp.

**03.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona beda jdur il-familji tal-parroċċa għat-Tberik ta' l-Għid, li spiċċa fis-17 ta' Mejju.

**» 15 ta' April**

**12.00pm:** Saret Quddiesa f'ġieħ l-Ħniena Divina li tat bidu għall-espożizzjoni solenni tas-Sagrament Imqaddes.

**» 19 ta' April**

**04.30pm:** L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech iltaqa' mat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni, flimkien mal-ġenituri tagħhom, fis-Sala *Mons Emanuel Mercieca* taċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 19-21 ta' April**

**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, mexxa t-tlett ijiem tat-Tridu Solenni tal-Festa Liturġika ta' San Ġorġ, b'omelija dwar il-qaddis.

**» 21 ta' April**

**08.00pm:** Sar Kunċert ta' Mużika Sagra f'ġieħ Dun Fabio Attard SDB, fl-okkażjoni tal-ħamsa u għoxrin anniversarju presbiterali tiegħu. Ħadu sehem il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* u kwartett mill-*Cappella Pontificia Sistina*, taħt id-direzzjoni ta' Mons. Massimo Palombella, Direttur tal-Kappella Papali.

**» 22 ta' April**

**11.00am:** Dun Fabio Attard SDB mexxa Konċelebrazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru. L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, u l-E.T. Mons. Enrico dal Cavolo, Rettur ta' l-Università Pontifiċja Lateranensi ta' Ruma, assistew mit-tron. Wara l-omelija minn Mons. dal Cavolo, l-Isqof Grech mexxa r-Rit tal-Konfirmazzjoni ta' Giorgia Attard u Giorgio Mallia, żewġ neputijiet ta' Dun Fabio.

Ġwann, il-Belt Valletta. Il-kunċert, taħt id-direzzjoni ta' Vella stess, kien jinkludi s-Sinfonija Nru 3 *The Apocalypse Verses* u d-*Domine Jesu Christe* op. 38, u kien taħt il-patrunaġġ ta' l-Isqof Awżiljarju elett ta' Malta, Mons. Charles J. Scicluna, li kien sa jiġi ordnat isqof l-għada.

**08.00pm:** Il-Grupp ta' l-Adolexxenti attenda għal attività djoċesana li saret għall-istudenti ta' taħt is-sittax-il sena fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Re, fis-Sede ta' l-Azzjoni Kattolika.

**» 25 ta' Novembru**

**05.00pm:** Fiċ-Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re, li saret quddiem il-Ġgantija, ix-Xagħra, kellhom sehem speċjali l-kandidati tal-Griżma ta' l-Isqof, fosthom dawk mill-parroċċa tagħna.

**» 26 ta' Novembru**

**05.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali għal din is-sena pastorali, fid-Dar Parrokkjali.

**» 28 ta' Novembru**

**09.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, mexxa Quddiesa għall-istudenti ta' l-Iskola Primarja *St Francis* tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fl-okkażjoni ta' l-anniversarju tal-mija u ħamsin sena mit-twelid tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita DeBrincat, fundatriċi tal-Kongregazzjoni, mgħammda f'din il-knisja parrokkjali. Attendew ukoll il-ġenituri. Wara l-Vanġelu, it-tfal tellgħu mima dwar il-Qaddejja ta' Alla.

**» 30 ta' Novembru – 1 ta' Diċembru**

Iż-żewġ Gruppi ta' l-Adolexxenti kellhom *Live-In* ta' l-Avvent fl-appartamenti tal-Kurja ta' l-Isqof f'Marsalforn. Din kienet l-ewwel attività taż-żewġ gruppi flimkien.



PELLEGRINAĠĠ PARROKKJALI
San Giovanni Rotondo u Ruma – Mill-4 sad-9 ta' Ġunju 2012

## Nifirħu lil...

- David Camilleri, Mazzier tal-Kolleġġjata Ġorġjana, li nhar il-Ħadd 15 ta' April 2012 ingħaqad fis-sagrament taż-Żwieġ ma' Isabel Zammit, mill-Mosta.

- Mons. George Grima, Patri Joseph Mizzi SJ, Patri Peter Paul Cachia OSA, Patri George Attard OFMCONV, Sr Victoria Muscat MOC, u Sr Josepha Gauci FCJ, ulied il-parroċċa tagħna li lkoll kienu jew għadhom jaħdmu f'art missjunarja, li nhar il-Ħamis 7 ta' Ġunju 2012 ingħataw *Ġieħ il-Belt Victoria* mill-Kunsill Lokali ta' beltna, fil-Librerija Pubblika ta' Għawdex.



- Neville Galea, kollaboratur tal-Bord Editorjali ta' din ir-rivista, li nhar is-Sibt 15 ta' Settembru 2012 ingħaqad fis-sagrament taż-Żwieġ ma' Sabrina Jill Attard, mix-Xagħra.

- Mons. Giovanni Bosco Cremona, membru tal-Kapitlu Ġorġjan, li nhar it-2 ta' Ottubru 2012 ġie maħtur Kanonku Koadjutur ta' Mons. Dekan Anton Gauci fil-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Karidral ta' Għawdex.

- Mons. Charles J. Scicluna, li fl-aħħar snin ħadem fil-qrib tal-Papa Benedittu XVI bħala Promutur tal-Ġustizzja fil-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi, li fis-6 ta' Ottubru 2012 ġie nnominat Isqof Titulari ta' San Leone u Isqof Awżiljarju ta' Malta. Hu ġie kkonsagrat Isqof fl-24 ta' Novembru 2012. Mons. Scicluna hu ħabib tal-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* u fil-fatt f'Awwissu 2011 kien talab li tiġi esegwita l-*Mass in D Major "Princeps Martyrum"* fl-okkażjoni tal-Ġublew Presbiterali tal-Fidda tiegħu.

- Paul M. Cassar, eks-Segretarju u Teżorier Ġenerali u eks-President tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, li, nhar is-Sibt 17 ta' Novembru 2012, fi tmiem il-Kunċert Annwali tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, ġie maħtur President Onorarju ta' l-istess Soċjetà.

- Dr Maria Frendo, *leader* tal-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, u Patri Eġidju Mizzi OFMCONV, studjuż ta' l-Iskrittura Mqaddsa u wieħed mit-tradutturi tagħha mill-ilsna oriġinali għall-Malti, li nhar it-13 ta' Diċembru 2012, Jum ir-Repubblika, ġew imweġġħa mill-E.T. Dr George Abela, President ta' Malta, f'isem in-Nazzjon Malti, bħala membri tax-Xirka *Ġieħ ir-Repubblika*.













**1 Pellegrinaġġ Parrokkjali f'Lourdes**
Il-pellegrini flimkien ma' l-Arċipriet quddiem is-Santwarju ta' Lourdes;
il-pellegrinaġġ kien mit-3 sad-9 ta' Awwissu 2012.

**2 Samuel Aquilina fil-Vatikan**
Samuel Aquilina (it-tieni mil-lemin) ma' l-abbatini Għawdxin u s-seminarista Daniel J. Sultana, meta fis-Sajf li għadda marru jservu fil-Vatikan.

**3 Novena tal-Milied**
Mument mid-dramm ta' l-aħħar jum tan-Novena tal-Milied, 23 ta' Diċembru 2012.




**4 Vestizzjoni ta' Abbatini Ġodda**
George Abela, Nicholas Vella u Karl Curmi, it-tliet abbatini ġodda li ħadu l-Vestizzjoni fil-Bażilika fit-23 ta' Diċembru 2012, fil-Quddiesa ta' l-għeluq tan-Novena tal-Milied.

**5 Pussess ta' Mons. Giovanni Bosco Cremona**
Mons. Cremona fil-pussess tiegħu bħala Monsinjur Kuġitur tal-Katidral, 18 ta' Novembru 2012.
Fir-ritratt, jidhru miegħu (mix-xellug) il-Kan. Ġużeppi Sacco, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, l-Arċidjaknu tal-Katidral Mons. Giovanni Bosco Gauci, il-Kan. Ġużeppi Borg, u l-Kan. Mario Borg.